L-EWWEL KTIEB
TAT-TIENI SENA

MARZU
1926

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

## XFIH DAN IL-GĦADD

It-tieni sena—Frâk (D.K.)—Is-Sengħa tal-Kitba (DUN KARM)—Lill-Kittieba (P.)—Il-Mużew il-ġdid (T.Z.)—Il-Qima ta' Ġunone u l-Knisja ta' *Santa Marija della Porta* (S.)—Il-Għarbiel tal-Ħarir Irqiq (V. M. B.)—Xenqit ir-raba' (DUN KARM)—Frâk (D.K.)—Il-Kelma "Ħal" (G MICALLEF, G. V., C. DESSOULAVY) — Id-Dwell f'Malta fi żmien l-Ordni (ĠUŻÊ GATT) — Il-Vokali tal-Lsien Malti (SAJDUN) — Il-Palazz ta' l-Inkiżitur tal-Birgu (Kan. G. M. FARRUGIA) — Il-Kappell u s-Sejf ta' La Valette (DUN KARM, ĠUŻÊ GATT)

[G. MICALLEF = l-Avukat Ġuże Micallef M.L.A. C. DESSOULAVY = Rev. C. L. Dessoulavy ta' Londra. SAJDUN = Rev. P. P. Saydon B.Lit., F.C.B., D.D., B.S.S.]

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

**IT-TIENI SENA** **1926**

MALITA
Stampât fl-"Empire Press„

DIRETTUR G. MUSCAT-AZZOPARDI

89, Sda. St. Lucia, Valletta.

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

---

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, 19, Strada Reale—Valletta.

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GħAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | L-EWWEL KTIEB TA' L-1926

## IT-TIENI SENA

B'dan il-għadd, il-*Malti* dieħel fit-tieni sena. Jekk żammejniex kelmtna f'dak li wegħdniekom, sewwa għax-xeħta u sewwa għal-lewn tal-ktib tiegħu, igħiduh il-qarrejja, li, f'ħajjiet Alla, għal-kemm imfixklin minn bosta, dejjem kotru u għoddhom waslu biex iġagħluna jew inkabbru l-ktieb jew noħorġuh kull xahrejn, jekk mhux ukoll kull xahar. Biex ma nogħtrux fiż-żrar li wħud sikwit jitfgħulna f'riġlejna, jagħmlulna l-qalb il-Għorrief ta' Barra, dawk li jafu tassew xi jrodd il-Malti, għax meddew għonqhom fuqu u flewh minn għerqu bid-dawl ta' l-ilsna l-oħra ta' l-Orjent--kittieba u għal-liema ta' kull art, saħansitra ingliżi, imma l-aktar taljani.

Sbejħa din ! Waqt li f'dan il-għadd—kif taqraw il-quddiem—ħames kittieba minn l-aħjâr, li jafu b'ħafna ilsna oħra u kitbu kotba sħaħ fuq in-nisel tal-Malti, ma jaqblux bejniethom fuq mnejn hi ġejja l-kelma *ħal* (ta' Ħal-Qormi, Ħal-Muxi, Ħal-Sâfi). u juru r-reqqa kollha ta' tiftix kbir, li, għal-kemm tawlu wisq, ma tatniex qalbna ma nagħmlulhomx il-wisa',inbagħad tisma' nies li qatt ma fetħu ktieb bil-Malti, jekk ukoll ma ftaħrux li ma jafux jaqrawh u li jdardarhom, iridu iġagħluna nemmnu li huma mexjin fit-triq it-tajba u li aħna lwejna għat-triq il-ħażina. Misħuta Pulîtka, li tqegħdilhom f'għajnejhom żġieġ aħdar, mita mhux

iswed għal-kollox! Imm'aħna għidnilhom, minn l-ewwel dehra tagħna, li l-Pulîtka ma għandhiex x'taqsam magħna; u dak li nwegħdu aħna, ma nwegħduhx biċ-ċajt jew bil-qerq! Aħna nqimu l-fehma ta' kull-ħadd, bla ma nibdlu tagħna; u, jekk naħdmu, bħalma ħdimna dejjem, għat-tagħlim u għat-tixrid tal-Malti, naħdmu b'qalbna sâfja għal kull maħluq u bil-ħsieb imqaddes li niftħu l-għajnejn magħluqa. Inħobbu t-Taljan, li nixtiquh mgħallem sewwa; u nħobbu l-Ingliż, għax nafu li jiswielna; imma fuq kollox inħobbu l-Malti, li hu l-lsien tal-kotra tal-Maltin u kif niftiehmu bih ma niftiehmu b'ebda lsien ieħor.

## FRÂK

(Biex ma jintilefx)

### 1. IL-KNISJA.

Fuq il-ħerba tal-ġnus u tal-ġrajja
Inti, xbejba li qatt ma tixjieħ,
Tgħaddi tidħak, mimlija bil-ħajja,
Fuq l-egħdewwa b'għarqubek tistrieħ.

### 2. KELMA KIENET!

(Lil wieħed għajjur)

Fejn hu għaqlek, ja msejken? x'int thewden?
X'inti ttalla' u tniżżel għal xejn?
Kelma kienet; għalfejn int tistaqsi
Dan il-leħen li nsama' minn fejn?

Mat-tvenvina taż-żiffa li ġġibha
Tmut il-qawwa ħaffiefa tal-kliem;
Ma' intix għaqli jekk kelma li tgħaddi
Minn ġo qalbek tisraqlek is-sliem.

D. K.

# IS-SENGħA TAL-KITBA

*(Jorbot mal-faċċ. 97 ta' l-1925)*

GħAŻLA OħRA BEJN IL-PROŻA U L-POEŻIJA.

Iżda jekk aħna nħarsu sewwa, naraw illi f'dawn il-mirja ta' proża u ta' poeżija li ġibna, dak li jgħaddi bejniethom hu aktar minn barra inkella minn ġewwa, jiġifieri aktar fil-qoxra jew fil-libsa tagħhom milli fil-qalba, la darba l-ħsieb hu, bħal ma għidna, wieħed fit-tnejn.

Bejn il-proża u l-poeżija hemm għażla oħra u aktar tal-qabda, għaliex tmiss il-qalba, u biex ingħid hekk, ir-ruħ tal-waħda u ta' l-oħra.

Iżda biex jirnixxilna nidħlu fil-qalba tal-proża u fil-qalba tal-poeżija u nifhmu xinhi l-waħda u xinhi l-oħra, jeħtiġilna qabel xejn niflu ftit kif jaħdem il-moħħ, inkella r-ruħ, fil-ġabra u l-ħażna tal-għerf tagħha. Dan aħna nagħmluh b'xi mera biex ma nħabblux ir-rjus bla bżonn.

Nieħdu ajruplan, għaliex naħseb illi sal-lum kull-ħadd ra xi wieħed jittajjar. Id-dehra ta' ajruplan li jagħsfar fuq rasna tħalli f'għajnejna, mita nħarsu lejh, bħala debħa jew stampa tiegħu; din mill-għajnejn tgħaddi fil-moħħ, u fil-moħħ tinħadem u titbiddel fi *xbieha.* Issa s-setgħa tal-moħħ illi taħdem u tbiddel dik *id-debħa* fi *xbieha* tissejjaħ *fantasija.*

Il-moħħ jista' jissokta x-xogħol tiegħu fuq dak l-ajruplan, ixebbhu ma' makni u ħwejjeġ oħra magħ-mulin biex iġorru nies u tgħabijiet minn naħħa għal oħra, jara f'hiex jaqblu u f'hiex ma jaqblux u hekk

*jagħraf aħjar* dak l-ajruplan, u joħloq *l-idija*. Is-setgħa tal-moħħ li xxebbah ħaġa ma' oħra biex tara xi jgħaddi bejniethom u tagħrafhom fir-rqaqat tagħhom, tissejjaħ *intellett* jew *raġuni*.

It-tifsir *tax-xbihiet*, jew tax-xogħol li jsir fil-*fantasija*, sewwa jekk bil-kitba, sewwa jekk bil-pinzell, bl-iskarpell jew b'għodda oħra, jissejjaħ *sengħa*. It-tifsir ta' l-idijiet jew tax-xogħol tar-*raġuni* jissejjaħ *għerf* jew *xjenza*.

Issa, il-*proża* hi l-*kitba* jew *it-taħdit* fejn taħdem l-iżjed ir-*raġuni* jew l-*intellett*: *poeżija* hi l-*kitba* jew il-*għidud* fejn taħdem l-iżjed il *fantasija*.

Biex niftiehmu sewwa, nerġgħu għal l-ajruplan. Jekk jiena bil-kitba jew bil-għidud inqiegħdlek quddiem għajnejk din il-makna li bħal ajkla ta' kobor u ta' qawwa barranija taf tirkeb is-sħab, tagħleb fil-ħeffa r-riħ, u tilmaħ mill-quċċata tal-għoli tagħha, donnhom maħżużin fuq karta, il-bliet, ir-rħula, il-għoljiet, il-widien, ix-xtut u l-baħar li ma' dwarhom imewweġ bajdani, jew jinfirex ikħal daqs in-nir; u nġiegħlek tisma' t-twerdin u t-tvenvin tagħha li jimla l-ajru, u taraha inbagħad, minn tikka kif tidher ġos-sħab, tiġġenneb u ddur ħelu ħelu fuq ġwienħajha mifruxa u tinżel bħal seqer, u f'kemm tilħaq tieħu għaxart infies tara l-ajruplan iżiġġ fuq rasek li jġiegħlek tinġabar fik innifsek bid-dehxa, u sa kemm tarġa' tiġi fiha mill-ħasda, tarah raġa tbiegħed u ċkien, jiena nkun qiegħed inħaddem *il-fantasija* u nikteb jew nagħmel *poeżija*. Iżda jekk jiena ngħidlek kemm għadda żmien minn mindu daħal fir-ras tal-bniedem il-ħsieb illi jsib xi għodda li biha jista' jittajjar; kemm suriet u għamliet ta' makni tat-tajr inħadmu waħda wara l-oħra ma' tul mijiet u eluf ta' snin, sa kemm inħadem l-ajruplan; liema hi l-liġi tan-natura li biha din il-makna—li hi

bosta itqal minn l-ajru—togħla fih u tiġri bla ma tiġġarraf; liema hi l-qawwa li tħaddem l-iskrun, u ħwejjeġ oħra bħal dawn, jiena nkun qiegħed inħaddem *ir-raġuni* jew *l-intellett*, u nkun qiegħed nikteb jew nitħaddet *xjenza* u nagħmel *proża*.

Minn dan li għedna jinżel illi jista' iva jkun hemm *poeżija* minngħajr *proża*, iżda lè ma jista' jkun hemm *proża* li fiha ma tidħolx xi ftit tal-*poeżija*.

**Dun Karm.**

## LILL-KITTIEBA

IMBIERKA · TKUNU
INTOM
LI · ĦSIBIJIETKOM · IDDOMMU · U · TORBTU
ĦAJRIETKOM · BIL-KELMA · MIKTUBA · TLIBBSU
ID-DAWL · TA' · MOĦĦKOM
IS-SĦANA · TA' · QLUBKOM
F'MIN · JAQRA
WAQT · LI · BIĊĊA · MINNKOM · INFUSKOM · TATU
TNISSLU
IMBIERKA · L-ART · LI · TERFAGĦKOM
IMBIEREK · ISIMKOM
JA · ĦALLEQIN · TAL-ĦSIEB
JA · KADDEJJA · TAL-GĦERF
IMBIERKA

P.

# IL-MUŻEW IL-ĠDID

Dil-kelma *Mużew* mnejn ġejja? Għall-Griegi u għar-Rumani Mużew kien il-maqdes tad-disa' *mużi* jew irjus tas-snajja'. Il-*muża,* kienu jgħidu, hi dik li tnebbah u li tnissel ix-xewqa u l-ħrara tas-sengħa li tkun. Hekk il-muża taż-żfin tħaġġeġ lil min jiżfen u hekk għas-snajja' l-oħra. Il-kelma *muża* ġiet mill-Grieg *Musa* li tfisser ħeġġa kbira. Aktarx il-kelma hi Xamija u tfisser l-istess ħaġa. Aħna ngħidu . "Qabditni l-mogħża tad-daħk". Il-mogħża tal-ħalib mad-daħk ma għandhiex x'taqsam, għalhekk naħseb li dil-mogħża hija l-*musa* tal-Griegi. Dan biex wieħed igħid xi ħaġa, nerġgħu mela għall-*Mużew.* Mużew saret, biż-żmien, id-dar ta' dawn id-disa' rjus tas-snajja' li lilhom kienu jatu qima f'dinhom il-Griegi u r-Rumani. Fi żmien aktar qrib lejna Mużew ġie jisimha d-dar fejn wieħed kien jitgħallem is-snajja' u fejn kienu jinsabu miġbura kotba u għodod għal min irid jitgħallem. Il-lum dil-kelma tfisser dar fejn jinġabru ħwejjeġ li fihom x'tara, li jiswew il-flus, li saru b'reqqa kbira, ħwejjeġ li jgħallmu 'n-nies fuq dak li sar fiż-żmien l-imgħoddi u fuq dak li minn l-isbaħ u minn l-aħjar sar mill-ħolqien jew mill-bniedem. U l-lum għal kull sengħa hemm il-Mużew tagħha,u min igħallem irid f'idejh Mużew biex juri dak li fuqu għandu jitkellem, għax mita wieħed jara b'għajneih aktar jiftakar minn dak li jisma' jew li jaqra.

Mela għalhekk il-Gvern li jaħkem 'in-nies għal ġid tagħhom jaħseb minn l-aktar fis jagħmel Mużew biex igħallem x'hemm f'pajjiżu u biex billi jara l-ħwejjeġ ta' ġieh kbir maqfula fiż-żġieġ u miżmuma bir-reqqa, igħaraf il-ħwejjeġ li kien jaħseb li ma jiswewx u m'humiex ta' rfigħ, għandu jibża' għalihom u jatihom f'idejn min jifhem.

Il-Mużew mela għandu wirja ta' ħwejjeġ li jfakkruna fi żmien missirijietna u juruna x'kienu jieklu, jilbsu, jaħdmu, x'kienu jirqmu, biex kienu jifirħu, kif kienu jidfnu u jżejnu darhom u dar il-mejjet. Il-kwies. iż-żjar, il-bwieqi, l-imsiebaħ, il-fuħħar kollu u ż-żġieġ li jinsabu fid-dwiemes u fl-oqbra l-oħra jgħallmuna l-qima li kellhom dawk ta' qbilna lejn il-mejtin tagħhom u minn dak li kienu jqiegħdu mal-mejjet nitgħallmu fiex kienu waslu fis-sengħa tal-fuħħar, fis-sengħa tat-tiswir, ta' l-inqix, tat-tiżwiq, żmien wara żmien, ġens wara ġens, dîn wara dîn. U jekk żir misjub f'demus jista' jâtina dad-dawl fuq in-nies li mietu qabel, għax inkissruh u nfarrkuh għad-deffun—kuṣ hekk qadim? Neħduh għand min

jifhem biex jara jiswielux għad-dawl taż-żmien imgħoddi u jekk jiswielu oqgħod sgur li jħallsek tiegħu: jekk igħid li ma jiswiex żommu jew kissru kif ifettillek.

Dan fuq il-ħwejjeġ taż-żmien l-imgħoddi. Għaż-żmien tal-lum il-Mużew li rtama l-belt hemm minsuba ħwejjeġ oħra. L-avukat Wiġi Mizzi ġabar u firex b'reqqa liema bħalha ħaġar ta' kull xorta li tati l-art, ħaġar ta' fejda kbira għal bosta snajja', ħaġar li jinħtieġ għall-mard, għax-xogħol, għaż-żina, eluf u eluf ta' bċejjeċ miġbura minn l-ibgħad artijiet, minn fuq l-ogħla iġbla u minn qiegħ tal-widien u tal-barrieri. Alla jieqaf miegħu lis-sur Wiġ ta' l-imħiba għanja li għoġbu jagħmel lil l-art fejn twieled.

U s-sur Ġużè Despott uriena fil-mużew il-ġdid x'jatu l-gżejjer tagħna f'dik li hi ħajja ta' ħxejjex u ta' dud u ta' bhejjem li għaxu hawn u li għadhom igħixu. Fdâl ta' bhejjem, ta' ħut, ta' arzell, ta' bebbux li saru ħaġar samm wara eluf ta' snin, dud ta' kull ġens li bih l-art miżgħuda, ħniex, gremxul, lifgħat, ħut, għasafar li nqabdu hawn. Kull ma jgħix fostna, kollox muri kif jixraq biex wieħed jifhem malajr dak li qegħdulu quddiemu. Min iħobb il-għajxien, it-tjur, il-bhejjem għandu biex jitlef għaqlu jħares lejn dak li hemm miġbur fil-Mużew.

U s-sur Viċens Bonello, mimli bil-ħrara ta' l-arti, żejjen ftit swali li jgħaxxqu, pitturi ta' kull żmien, xogħol ta' l-aħjar mgħallmin tas-sengħa. Kollox qiegħed fid-dawl li jinħtieġ, fil-għoli li jixraq, kollox f'lewnu u f'qiesu. Hekk, igħidilna l-Mużew, għandna nżommu l-inkwatri t-tajba, il-ħżuż ta' l-imgħallmin tas-sengħa, it-tiswir ta' l-artisti kbar. Ftit u tajjeb igħid is-sur Bonello u hekk għamel il-Mużew, u min jifhem feraħlu għax ħaqqu.

Mort tarah il-Mużew il-ġdid? smajtu jsaqsi l-flien lil wieħed nafu. X'fih tara? wieġbu. Fih tara' dak li min iħoss ruħu f'ġismu ġabar għal snin kbar biex juri l-ġieħ ta' pajjiżu, biex igħallem lil min ma jafx u biex lil min jaf iġagħlu jitgħaxxaq b'dak li tati l-art fejn twieled. Mur ara u nbagħad tkellem. M'hux bil-ħobż biss igħix il-bniedem, id-dinja tati għajxien lill-ġisem u lir-ruħ. Il-Mużew għajxien tar-ruħ u jekk f'Malta tinħtieġ xi ħaġa hija li nistgħallu l-għana tar-ruħ li nitgħallmu nitgħaxxqu b'dak li jgħollina fuq ħobżna ta' kull jum u nitfarrġu b'dak kollu li ħalaq Alla u li ma tul iż-żminijiet ħareġ minn moħħ il-bniedem. U niżżuħajr 'l Alla Malta għandha x'turi u ftit milli għandha, urietu fil-Mużew biex il-Maltin tifraħ u l-għarib jagħraf x'konna u x'aħna.

T. Z.

# IL-QIMA TA' ĠUNONE U L-KNISJA TA' *SANTA MARIA DELLA PORTA*

(Minn ta' G. DARMANIN-DEMAJO P.L.)

Ġunone (alla falz) kienet meqjuma f'dawn il-gżejjer sa minn żmien il-Feniċi. Il-Kittieba jgħidu li kienu waqqfulha maqdes fuq il-għolja fejn il-lum jinsab Sant'Anġlu.

Sa erba' mitt sena ilu, xi fdal ta' dan il-maqdes kien għadu jidher imxerred 'il hemm u 'l hawn. Dan igħidu min rah b'għajnejh bħal Quintinus — Awditur tal-Gran Mastru L'Isle-Adam — u l-kittieb sqalli Fazello.

Il-kobor tal-ġebel—kif fissruh dal-kittieba—iġagħlek taħseb li dan il-maqdes kien mibni qabel il-Feniċi, ingħidu aħna sieħeb dawk l-imqades l-oħra ta' Żmien il-Ġebla li bihom ninsabu miżgħuda: ġie nbagħad minnhom mogħti 'l Astart għax lil din kienu jqimu l-Feniċi sa minn qabel ma ġew hawn.

Dan il-bini tal-għaġeb, hekk kif kien jaħkem il-Port, kien ta' l-akbar qima għall-baħħâra ta' dak iż-żmien, li lil din l-alla kienu jgħodduha bħala sidt il-port. Dan, żmien il-Griegi, kien jismu il-Port ta' Ġunone *(Eros Lemin)*. Għalhekk l-istess Kursari —ħallelin tal-baħar—kienu jħarsuh u jibżgħu għalih.

Il-għana li kien fih dan il-maqdes kien xi ħaġa kbira. Igħidu l-Kittieba li għal tliet darbiet ġie misruq minn bosta minn dan il-għana.

L-ewwel serqa saret--xi mitejn sena qabel Kristu—minn armata ta' Messinissa li kien sultan tan-Numidja. Nafu li l-Kmandant ta' din l-armata ta lis-sultan tiegħu żewġ sinniet kbar ta' l-avorju li kien ħadhom minnu. Għal l-ewwel is-sultan ħa wisq gost bihom, iżda mita sama' mnejn kienu ġew, bagħathom malajr lura b'tabella fejn jitlob maħfra talli żammhom għad illi ma kienx jaf mnejn kienu (1). It-tieni serqa kienet imġiegħlha mill-Pretur Ruman Cajus Verres 63 Q. K. Ċiċerun, li ħarrek lil Verres quddiem is-Senat Ruman, juri li l-ħwejjeġ misruqa kienu ta' għana u għadd liema bħalu (2). It-tielet serqa isemmiha Quin-

(1) Bres. *Malta Antica IV c. IV.*

(2) Vassallo *Storia di Malta c. IV.)*

tinus bla ma jsemmi fliema ħabta saret; igħid li s-serqa saret mill-pirata Gader.

Jaħsbu li l-kolonna tal-granit li tinsab fil-knisja tal-Forti Sant'Anġlu kienet ta' dan il-maqdes. Din insabet ma' dak il-fdal li kien għadu jidher sa ma wasal hawn l-Ordni.

Fil-Mużew hemm tliet baxx-rilief tar-rħam abjad li jaħsbu li kienu tiegħu. Dawn insabu ġo Sant'Anġlu mita kienu jtaqqbu biex igħaddu l-ilma mill-Forti għall-Birgu. L-Abbé Navarino jaħseb li nsabu bejn l-1647 u l-1661, iżda Mons Bres igħid li Guliermu Rovilio kien semmihom f'xogħol tiegħu li ħareġ fl-1581. Dawn il-baxx-rilief juru wċuh ta' nisa: iktarx ta' slaten.

Ma tistâx tgħid kif spiċċa dan il-maqdes. Sata' nqered bis-serq, kemm ukoll bit-terremoti. Żmien il-Konti Ruġġieru (1090) ħafna braġ kien għadhom jinsabu f'dawn l-inħawi li wara żmien inqdew bihom għal bini.

Xhieda tal-qima li kellhom missirijietna lejn din l-alla huma l-għadd kbir ta' flus, midalji u tifkiriet oħra li għandna bix-xbieha u t-tifkira tagħha.

* * *

Il-belt kapitali ta' Malta—il-lum jisimha Mdina—kienet, fi żmien il-Griegi u r-Rumani, jisimha Melita, bħal ma kien jisimha l-gżira kollha, u kienet kbira daqs xi ħames darbiet li hija l-lum. Is-sisien għadhom jidhru sal-lum f'Għariexem u fi bnadi oħra.

Kellha żewġt ibwieb. Il-wieħed jismu "*taċ-Ċawla*" (Via Boschetto) u l-ieħor "*ta' Ħal Pilatu*" (Via St'Agata). Qrib wieħed minn dawn l-ibwieb kienet tinsab statwa tar-rħam, xbieha ta' Ġunone (1). Il-belt kienet imħarsa minnha.

Din kienet il-Belt ta' Malta fejn għammar San Pawl mita ġie jxerred fostna l-ewwel żerriegħa tat-twemmin Nisrani.

* * *

Dawk iż-żminijiet spiss kien jiġri li dawn l-allat foloz kienu jinfixlu wieħed fl-ieħor u jinbidlu fl-isem u fil-ħila.

Insibu li l-qima ta' Ġunone, li bdiet f'Sidone taħt l-isem ta' Astoret, ġriet mal-pajjiżi kollha ta' żmien il-qedem.

Astoret tal-Feniċi kienet, tista' tgħid, fuq l-allat l-oħra tagħhom. Kienet is-sultana tan-natura u tal-wild.

(1) Kullma qal is-Sur Darmanin Demajo fuq din l-istatwa u l-knisja ta' *Santa Maria della Porta*, ħadu mid-dokumenti li sab fl-Arkivju tal-Katidral Vol. 1 faċċ. 17-23.

Il-Griegi xebbhu u għaqqdu lil Astoret ma' Ġunone u ma' Artemja.

Il-Kartaġiniżi għarfuha taħt l-isem ta' Tanet, u l-kittieba latini jsemmuha "*Juno Cœlestis*" jew "*Virgo Cœlestis*".

* * *

Mita s-Saraċini ċekknu l-Belt, ġarrew din ix-xbieha ta' Ġunone u qegħduha ġo niċċa fix-xellug tal-bieb.

Il-gwarniċa ta' dal-bieb, għadha sal-lum tidher mal-ħajt ħdejn Porta Maggiore. Il-bieb kien wisq iżjed baxx milli hu l-lum, ngħidu aħna bħal dak ta' Bieb-il-Għariexem. Il-Belt, hekk imċekkna, semmewha Mdina.

Għad illi missirijietna ma kenux jaħmlu d-dehra ta' din l-istatwa, biex ma jatux xi jgħidu-lill-Għarab, għal l-ewwel, ma wrewx irwieħhom kontra tagħha, iżda, mita setgħu, ma baqgħux li ma farkulhiex rasha u idejha biex itellfulha xbihietha.

Mita fl-1090, il-Konti Ruġġieru ħeles lil Malta mill-ħakma tal-Għarab, il-Maltin — fuq il-għada li kellu l-imperatur Kostantinu li jibni bini mqaddes f'postijiet li qabel kienu swew lil l-allat— waqqfu knisja f'ġieh il-Verġni Mqaddsa hemm fejn qabel kien hemm ix-xbieha ta' Ġunone.

Għad li ma nafux sewwa fliema sena nbniet dil-knisja, bilfors li kienet minn l-ewlenin. Mons. Duzina, li żâr Malta fl-1575, isemmiha fost dawk li żâr.

Fl-1591 kienet sejra tittieħed mill-Konfraternita ta' Santa Barbara u fl-1592, wara l-pesta, ġiet imsemmija għal Santu Rokku u taħt dan l-isem insibuha fl-1780 mal-knejjes li kien jagħmel minnhom l-Isqof imsemmija minn Ferris fl-Istorja tiegħu tal-Knejjes ta' Malta u Għawdex.

Minnħabba l-ħsara li ġarrab il-Katidral fit-terremot ta' l-1693, il-Kapitlu dam jiffunzjona f'din il-Knisja għal tliet xhur.

Kien xi żmien li dil-knisja qagħdet għal skola tan-nekromazija. Nekromazija hi bħal sħar li bih jobsru billi jitkellmu mal-mejtin. Iżda mita dil ħaġa ġiet projbita, il-knisja swiet għat-tagħlim.

Fl-1727, il-Gran Mastru Vilhena ried jagħmel xi tiswijiet fil-bini ta' dik in-naħħa, fuq pjanta ta' l-inġinier Mondion. Dan kien Kavalier ta' l Ordni.

Għal din it-tiswija kellu jispiċċa l-bieb il-qadim, kif ukoll kellha tinħatt il-knisja ta' *Santa Maria della Porta.* Fejn kienet il-

knisja saret biċċa mill-bitħa tal-Palazz Maġistrali, il-lum *Connaught Hospital.*

Biex tinħatt il-Knisja kienet tinħtieġ ir-rieda ta' l-Isqof. Il-Baruni Markanton Inguanez talab lil l-Isqof, u dan wara li wegħduh li jibnulu oħra quddiem il-Knisja tal-Karmnu, qal iva.

Sa da't-tant, in-nies kienet insiet dak il-ġisem bla ras fin-niċċa, u dik il-mibegħda ta' missirijiethom mietet biż-żmien. Iżjed: dik ix-xbieha—li tqiegħdet fix-xellug tal-bieb il-ġdid b'wiċċ ġdid tar-rħam—ittieħdet bi xbieha tal-Madonna : iktarx ħasbuha xi madonna stil Biżantin.

B'dana kollu, il-mibegħda lejn l-alla falż reġgħet dehret fihom mita għarfu x'kienet dik l-istatwa. Haġġruha u laqqmuha "Is-sewda".

U hekk, fil-ħin li għabet il-Knisja tas-Sultana tas-Sema, ix-xbieha ta' l-alla falz damet għal seklu u nofs oħra qiegħda għad-daħk tal-Poplu. Inbagħad tqiegħdet il-mużew mal-fdalijiet l-oħra ta' żmien il-qedem, bħala biċċa xogħol orjentali u fl-istess ħin biex turi bid-dieher il-mibegħda lejha ta' missirijietna, mita kienet għabet minnhom kull xorta ta' ġieh u ta' qima lejha.

S.

# IL-GħARBIEL TAL-HARIR IRQIQ

## MKELLEM U MITKELLEM

*Mkellem* ġejja minn, u hija l-magħmul ta', *kellem-jkellem.*

*Mitkellem* ġejja minn, u hija l-magħmul ta', *tkellem-jitkellem.*

"Tkellem bniedem. Titkellem ilsien"

Mela : *mkellem* toqgħod għal min titkellem miegħu, jiġifieri l-persuna li magħha wieħed jitkellem. *Mitkellem* toqgħod għal lsien (lingwa) li bih titkellem.

Għalhekk ingħidu :

"Bil-lsien qarib mill-kbir San Pawl mitkellem
Imfiehem kien ġens il-Maltin u mkellem."

V. M. B.

# XENQIT IR-RABA'

Iftħuli dawn is-swar ħa' noħroġ barra
    Fix-xemx, qalb l-għana ta' l-agħsafar, fl-ajru
    Mimli bis-saħħa, jfuħ b'riħit il-plejju
                B'riħit is-sagħtar;

Ma rridx niddellel iżjed f'dawn it-toroq
    Li minnhom jidher terħa kaħla s-sema;
    Taħt riġlejja ma rridx qatran u żonqor
                Jiebes bla ħniena.

Ma rridx nara l-uċuħ imqarrsa, mbergħna
    Ta' nies imdejqa li jitħaddtu wħudhom,
    Jew nies għażżiena li titlajja w-taħseb
                Kif tgħallet l-għajrha.

Anqas nara ma rrid xebbiet żinżilli
    Wiċċhom bħall-karta w-lewn in-nar xoftejhom,
    Minngħajr satra fil-lbies, ixerrdu qalbhom
                F'imħabba fiergħa:

Irrid taħt riġli nħoss ir-rtuba ħelwa
    Tal-ħaxix niedi, w-nara fuqi l-beraħ
    Tas-sema safi, w-nisma qalb is-siġar
                Tħaxwex il-fewġa.

Irrid nara d-dirgħajn somor, godlija
    Ta' rġiel li taħdem u fil-ħidma tgħanni,
    Uċuħ daħkana li minn fommhom toħroġ
                Għaslija l-kelma,

Il-kelma safja li minn qalbhom taqbeż
    Kif l-ilma jfawwar minn ġo blata samma,
    Il-kelma bnina li għallmithom ommhom,
                Nieżla mill-qedem.

Irrid nara xebbiet xuxthom mikxufa,
Jew safra daqs id-deh'b, jew sewda tuta,
Ħarsithom berqa, kull ma fihom saħħa,
U bla ma jafu

Ħenjin; qawwija fi mħabbithom siekta,
Il-mixi rżin, għalkemm ġenbejhom jaqbżu
Ma' kull medda ta' riġel, u sidirhom
Jiżfen mal-mixja.

Irrid nisma' lix-xjuħ ta' tmenin sena
Jitħaddtu bla ma jgergru, w-minngħajr biża'
Tal-mewt li fuqhom bħal ħabiba tersaq,
Itennu l-ġrajja

Ta' żmienhom li jiftakru waħda b'waħda,
U nilmaħ għaddejjin fuq wiċċhom, qiesu
Fuq mera, l-ferħ, il-hemm, il-biża', t-tama
Li ntisġu magħhom.

Irrid dar ċkejkna li fuq ġbinha tisreġ
Ix-xemx ta' nofs-in-nhar, imżejna bl-aħdar
Tad-dwieli u tal-larinġ, nadifa w-bajda
Bl-insiġ tar-raħal,

U hemm nixtieq immut: minn hemm tittajjar
Aktar ħafifa qalbi lejn is-sema;
Aktar ħieles hemmhekk jinġabar ħsiebi
Fil-ħniena t'Alla.

**Dun Karm.**

# FRÂK
(Minn Shakespeare)

Jekk sraqtli flusi, sraqtli ħaġa ċkejkna,
Iżda jekk sraqtli ġieħi, sraqtli kollox,
Faqqartni sewwa, w-ħajti sfat imsejkna.

**D. K.**

# IL-KELMA "ĦAL"

Fit-tielet Ktieb tal-Malti is-Sur G. V. qalilna li l-kelma *ħal* ta' *Ħal Far, Ħal Tarxien* ġejja mill-għarbija *mħal.* Sata' kellu raġun kieku qalibhom. Fir-raba' Ktieb, is-sur T. Z. miera lil G. V. u qal li sewwa l-kelma *raħal,* kemm *ħal* ġejjin mill-għarbi *Aħl,* ġemgħa. Kieku s-Sur T.Z. qassat ftit il-Mufassal tal-Malti ma kienx jitgħallat kif ġralu.

*Ħal* la hi ġejja minn *mħal* u la minn *raħal* u l-anqas minn *Aħl.* Ingħarbluhom.

Ħal (* ĦWL) kelma minn għerq ħafi, bħal *mar, qam, ġieb, *sad* (sajda) *nar, sab* (isib); **sab* (isub, sawwab), **ram* (irum, rawwam). L-ewwel *Benja* ta' dawn l-ifħla toħroġ; *mawwar, najjar, rawwàm* u minn * *ħal, ħawwel.*

Issa meta l-ewwel sura. *ħal,* hi *verbo neutro* fil-Benja *ħawwel* tatik *verbo attivo*; meta fis-sura *ħal* tkun *verbo attivo,* fis-sura *ħawwel* tatik il-*verbo fattitivo.* Ara *dar* (andar intorno), *dawwar* (circondare) *ħadem* (lavorare), *ħaddem* (far lavorare). *Ħawwel*= piantare; mela *ħal*= "crescere naturalmente," u, maż-żmien, "piantare, coltivare". Mela l-isem *ħal* ifisser: masġar (macchia). Cf. il-latin *colonia,* minn *colere,* u l-ingliż *plantation* fis-sens ta' *colony.*

Uħud mill-*coloniae, plantations* ta' Malta ma jġibux l-isem ta' min għammarhom jew rawwamhom, u l-anqas laqam, iżda isem siġarhom: Ħal Għargħur (ginepreto), Ħaż-Żebbuġ (oliveto), Ħal Luqa (pioppeto), Ħaż-Żnuber (pineta).

Immorru issa għall-"etymon" li tâna G.V. Għerq ħâfi jati ismijiet *mimmija* bħal dawn: *msiba* (tesoro), *mġiba, mnara, mhiba* (regalo). *Msida,* minn *sab, ġieb, nar, hieb, sad,* *mrâma (mràmma) minn **ram, rawwam,* għarbi *mruħa,* malti *mrewħa,* minn *raħ rewwaħ.* Mela *mħal* minn *ħal.*

Ingħaddu għall-"etymon" ta' T. Z. *Raħal* u *Aħl* ma għandhomx x'jaqsmu ma' *ħal.* Fil-lhudi *raħêl*=nagħġa; *Rachele*= la mansueta. *Raħal* (sheep-farm), *raħli, raħħal, merħla, râħil* (peregrinus, *per agros)* minn l-istess għerq. "*Rħielha* għal Tunes" x'għandha x'taqsam ma *râħil*! *Râħil, raħal* ecc. minn għerq kawwi, R. Ħ. L.; *rħielha* = *reħa*+*lha,* minn għerq sieraħ; *reħa, jerħi,* R.Ħ.J. (Cf. reħja).

*Aħl* minn għerq nieqes, bħal *ikel (hamża; k. l.), iben (hamża, b. n.), isem (hamża, s. m.),* lhudi *amen (alef. m. n.),*

*awl (alef. waw l.)*, għarbi *ażan* (*hamża ż. n.*). Il-littra d-dgħajfa tissaħħaħ u tinbidel f'*w* jew *j* fid-derivati. Ara *wikkiel*, *wemmen*, *welled*, *wiżen* minn *ikel*, *amen*, *eled*, *ezen*. L-ittra dgħajfa tista' tgħib fi lsien, u tidher f'ieħor, u fl-istess lsien tista' tgħib f'kelma u tidher f'oħra, Ara: għarbi, *aħada*, lhudi, *aħad*, malti *wieħed;* malti *iex* (cosa f-*iex*, għal-*iex*) toħroġ omani *wajx;* lhudi *aħor*, għarbi *aħara* jati malti, trabelsi, meħri, *waħħar;* malti *iemes*, meħri *jems*. Mill-għerq *aħl* toħroġ *weħel*, *waħħal* (to stop, to pitch the tents, to settle).

Malta żgħira: il-maltin ma kellhiex fejn timraħ bħall-fellaħin ta' l Għarabija jew tal Masar = fejn tħawwlet il-għamuda, xenxlet. Il-maltin waqqfu u għammru fuq *għajn* jew *bir* jew *bur* jew *ħal*. Il-kelma *aħl* ma setgħetx tidħol Malta; daħlu l-friegħi.

Is-Sur T.Z. qallek: "*raħal* ġejja minn *aħl* u *ħal* imqassra minn *raħal*!" Naħseb li T. Z. tgħallat bħalma tgħallat Agius Sultana. Dana bxejn kien igħidilna li *mnara* ġejja minn *omm in-nar* u *Msida* minn *Omm Sidna* għax kien hemm maqdes tal-Madonna.

Mela *Ħal* (Ħ.W.L.), *Raħal* (R.Ħ.L.) u *Aħl* (hamża, Ħ.L.), ma għandhomx x'jaqsmu ma xulxin. "*Sound* etymology has "nothing to do with *sound*. Similarity leads to error." (Max Müller.)

**G. Micallef.**

* * *

Fuq li kont ktibt fil-"Malti" ta' Settembru li għadda dwar il-kelma "ħâl" ta' ismijiet ta' rħula bħal *Ħal Balzan*, *Ħal Luqa*, *Ħal Tarxien*, l-avukat Dr. G. Micallef M.L.A. kitibli rasi u rasu li dik il-kelma ma jgħoddhiex bħala mqassra mill-kelma għarbija "mħal", imma qal li hi l-kelma għarbija "ħal" li tfisser bit-taljan *colonia* (għal min ma jafx "*ħafna familji ta' l-istess razza msefrin f'pajjiż wieħed*"), mill-verb *ħal*, *jħul*, illum fil-Malti mitluf, imma li ħalla warajh in-nisel tiegħu fil-verb *ħawwel jħawwel* li fit-taljan jiġi jfisser, għal dak li hu siġar u xtiel, *trapiantare* u, għal dak li nies, *colonizzare*; żewġ verbi li fihom ħiel wieħed; dak tal-ġarr għal saħħa minn post għal ieħor. T. Z. inbagħad kiteb fil-"Malti" li *ħâl* ġejja minn *àħal* (familja).

Kull wieħed minna t-tlieta jmieri lil sieħbu, imma jekk noqogħdu niflu dawn it-tliet fehmiet bir-reqqa nsibu li, għal dak li hu għerq tal-kelma, it-tlieta għedna ħaġa waħda. *Mħâl*, *ħâl*, *àħal* għandhom b'għerq tagħhom *ħ-w-l* li jidhru fil-verb *ħawwel* li ħiereġ minn *ħawel* imqassar fis-sura ta' *ħâl*. Għal dak iżda

li hu għażla tas-sura, lil l-avukat Micallef għandi ngħidlu li n-nom tal-verb *ħâl jħûl* aktar imissu jkun *ħawl* jew *ħawla* milli *ħâl*. Kif jagħmel in-nom ta' *mar*, *tar*, *far*, *sam*, *sab*, *qal?* Mux *mawra*, *tajra*, *fawra*, *sawm*, *sawba*, *qawl?* Forsi jgħidli li *ħâl* imqassra minn *hawl*. Għandu provi li juru fejn *aw* jiqsaru u jsiru *a* u mux *u*?

T. Z. biex jsaħħaħ il-fehma tiegħu jista' jgħid li bħalma *ħadd* (*xi ħadd*, *kull ħadd* li jfissru "xi wieħed, kull wieħed") hi mqassra mill-kelma għarbija *àhad*, hekk ukoll *ħâl* tista' tkun imqassra minn *âħal*, il-waħda u l-oħra mqassrin bit-telfa ta' l-ewwel ittra li hi *a*. Ma ngħidx le; biss jekk inhu hekk, il-kelma mqassra ma hix *ħâl* imma *ħall* b'aċċent maħtuf u għalhekk bil-konsonanti ta' l-aħħar mtennija bħal fil-kelma *ħadd*. — *Ħall Balzan* u mux *Ħal Balzan*.

Fuq kollox inbagħad ngħid dan: Mita ngħidu *Ħal Balzan*, *Ħal Għaxaq*, *Ħal Muxi* nkunu rridu ngħidu *pajjiż Balzan*, *pajjiż Għaxaq*, *pajjiż Muxi*, jiġifieri *l-pajjiż ta' Balzan*, *ta' Għaxaq*, *ta' Muxi* u mux *familja* jew *kolonja Balzan*, *Għaxaq*, *Muxi*. Mit-tliet kelmiet il-kelma *mħâl* toqgħod flok *pajjiż*. Meta ngħidu *mort Ħal Balzan* inkunu ngħidu *mort fil-pajjiż*, *fir-raħal ta' Balzan* (*fl*) *imħal* (*ta'*) *Balzan*, u inkunu rridu nfissru li *l-imħal* hu ħwejjeġ Balzan, kif nuru wkoll, għal dak li hu f'Għawdex, bl-ismijiet *Ta' Kerċem*, *Ta' Sannat*, *Ta' Għammâr*, *Ta' Kuljat*, *Ta' Tbieġi*, imqassrin minn *l-imħal ta' Kerċem*, *l-imħal ta' Sannat*, *il-għolja ta' Għammâr*, *il-għolja ta' Tbieġi*, sewwa fil-malti kemm ukoll fil-għawdxi bil-ħiel ta' ħaġa, ħwejjeġ xi ħadd.

Kif jien qiegħed nikteb nara li mal-kelma *ħâl* f'xi ismijiet jidħol l-artiklu. Dik li nsemmgħu *Ħaż-Żebbuġ*, *Ħas-Saflieni*, *Ħas-Saptan*, *Ħar-Rasqun*, *Ħas-Sajjied* u mux *Ħal Żebbuġ* u hekk għall-bqija, turina ċar li nkunu irridu ngħidu *Ħal iż-Żebbuġ*, *Ħal is-Saflieni*, u hekk għall-bqija. Il-kunjomijiet ma jeħdux artiklu: għalhekk ngħidu *Ħal Dimekk* u mux *Ħad-Dimekk*. Imma ngħidu *Ħad-Dingli* li tfisser *ħal id-Dingli*. Għandna nifhmu li *Dingli* barra milli hi kunjom hi wkoll aġġettiv jew sostantiv? *Żabbar* nafu li hi wkoll kunjom, imma donnu li fl-isem *Ħaż-Żabbar* dil-kelma tidher bħala nom aggettivali. Mhux l-aġġettivi kollha bħal ismijiet ta' rħula jieħdu l-artiklu: ara *Ħal Safi* li ma nsemmgħuhx *Ħas-Safi*, bħal *Ħas-Saflieni*, *Ħas-Sajjied*, *Ħas-Saptan*.

G. V.

* * *

Fil-"Malti" ta' Diċembru li għadda T.Z. għarrafna l-fehmiet tiegħu fuq il-ġebbieda ta' *Hal*, fejn deherlu li dil-kelma hija nisel ta' għerq il-kelma *Ahl* fil-Għarbi.

Huwa kollu minnu illi fil-Malti intom għandkom il-għada li taqtgħu barra l-*alif--hamża* ta' bidu l-kelma—waqt li l-ilsna l-oħra ta' nisel wieħed żammewha b'għożża kbira.

Il-kelma *Akal*, li dlonk issibha f'ilsien Semîtku, fil-Malti issir il-verb moħfi *Kiel*. Il-verb Għarbi *Âħad* fil-Malti jsir *Ħâ(d)*.

Ukoll huwa minnu illi minn daqqiet, għalkemm mhux sikwit, intom tbiddlu l-*h* dgħajfa tal-Għarbi f'*ħ* (qawwija) f'nofs il-għerq tal-kelma, bħalma nistgħu nsemmu l-kelma Għarbija *nahaq*(a) li fil-malti ssir *naħaq*. Imma dak li ma jaqbelx ma' dan li għidna (barra minn dik il-ħaġa l-oħra tal-ħoss tal-vokali mkarkra ta' *Hâl* li ma tinsabx fil-kelma *ahĕl* u li fuqha nitkellmu iżjed il-quddiem) huwa illi sa fejn nista' nara intom ma għandkomx fil-Malti l-inqas xbieha ta' għerq il-kelma *a—h—l* taħt dik is-sura, u jekk biss għandkom, tinsab taħt għamla oħra għal kollox. Kifinhu magħruf, il-għerq tal-kelma *a—h—l*, fil Għarbi Klassiku, tieħu tliet suriet mhux ta' għamla waħda. L-ewwel sura hija dik ta' *a—h—l* li taqbel ma' oħrajn fil-Lhudi fejn il-verb ifisser "*waqqaf għamuda* (tinda)" *tinda*, *agħmâra*." Inbagħad hemm it-tieni sura għarbija li nsibuha ħielsa għal kollox mill-*ħ* dgħajfa. Il-verb Għarbi *âla* jâti n-nom *âl* li jfisser "*famlja*, *ġebbieda*, *qraba*." Imma ta' l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ egħruq ma nsib nisel fil-Malti. Hemm, b'dana kollu, sura oħra li hija t-tielet u li hi *Għâla* Għarbija—"*żamm*, *rabba familja*"—bis-sura mnissla *Għajla* (Għarbija) "*familja*"—kelma li taqbel mal-kelma Maltija *Għiela* illi Caruana fil-Vokabolarju tiegħu jfissirha "*prole, famiglia*". Dina jew xi ħaġa hekk hija s-sura illi wieħed barrani bħali għandu jaħseb li l-kelma Maltija setgħet ħadet, li kieku kien minnu dak kollu li qal T.Z. fuq in-nisel u t-tifsir tal-kelma *Hal*.

Naħseb kemm naħseb, għalkemm kontra tiegħi għandi x-xhieda ta' tnejn, bħalma huma Falzun u Caruana, tiġini saħansitra l-ħila li bilkemm nemmen li *Hal* setgħet ġiet minn *Raħal*.

Jiena naqbel magħhom u ngħid bħalhom dawk li jaħsbu illi t-tifsir tal-kelma Maltija *Hal* u tal-Għarbija *raħl* huwa wieħed (kif fil-qawl "il-Għaref f'raħlu mhux mismugħ") imma jidhirli li hi ħaġa wisq tqila illi l-vokali tal-ħoss bl-aċċent fuqha għandha taqa' u li l-vokali ta' minngħajr aċċent jew li ma tinħassx issir vokali ta' l-aċċent. Jiena naf b'dana kollu illi l-plural tal-Għarbi *Raħl (maqjel, dar magħżula, raħal)* huwa iktarx dejjem il-plural

miksur *arħâl*, fejn wieħed jara li ma nistgħux immieru illi l-vokali mkarkra ta' l-aċċent ma daħletx ukoll flok l-oħra ta' minngħajr aċċent, imma b'dana kollu T.Z. irid iġibilna eżempji biex ifieħemna tajjeb illi l-*r* tal-bidu tal kelma f'*raħal* kellha iktarx tgħib minnħabba li tħawdet ma' l-artikolu. L-inqas ma nsib li hi ħaġa faċli wieħed jifhem li l-kelmiet *Raħħâl*, *raħli* setgħu jitbiddlu fil-kelma *ragħaj* u jixxiebhu magħha. Jiġri u tassew minnu illi l-ittri *H*, *Għ* kif ukoll *L* jistgħu minndaqqiet jitbiddlu f'xulxin, imma hawnekk għandna niftakru li dawn huma egħruq ta' kliem minn l-iktar qadim u bikri. Il-għerq li jidher fil-kelma Maltija *Rħela* tiltaqa' miegħu fis-sura ftit jew xejn mibdula tal-kelma Etjopika *Raħana* li tfisser "*issarraġ żiemel*"; waqt li l-kelma Għarbija *Raħl* (iktarx tismagħha bl-*ħ* ħarxa) li tfisser "*agnu, ovis* = *ħarufa*", barra mill-kelma Lhudija li tixbahha (li tidher fl-isem ta' Rakela) għandha wkoll sura oħra f'ilsien qadim ta' l-Assirja bl-ittri maqluba: *Lahr*(*u*).

Issa fuq kollox, jiena naħseb li hu wisq minnu li *Hal* kellha titnissel minn għerq li jinsab fil-kelma tagħkom *Hall*(*a*) li fil-Għarbi tfisser fost ħaġa oħra "wasal minn mixja (vjaġġ)" = *discendit ex itinere;* "qagħad waqaf f'post" = *quiesvit in loco*;—kelma li fost l-ismijiet imnisslin tagħha għandha wkoll kliem bħal dan: *Hilla*(*t*) = "qabîl"; *maħalla*(*t*) = "qgħâd, rabat, belt" = *mansio, vicus, urbis* u l-iktar in-nom *Maħall* = "post fejn wieħed joqgħod, rabat, belt" = *locus ubi quis quievit, vicus, urbis* (FREYTAG). F'din l-aħħar kelma ħi ħaġa minnha li l-aħħar taqsima tieħu l-vokali tal-ħoss bl-aċċent u għalhekk nifhmuha bilġri illi t-taqsima ta' qabel kellha tmur barra, għalkemm ma nistax naħseb fxi kelma u kliem ieħor li jaqblu għal kollox mal-kelma *Hal*.

Issa biex nimxu bil-ħaqq ma T. Z. għandna wkoll inżidu u ngħidu li jekk il-kelma *Hal* hi tassew qiegħda flok dik il-kelma li ħaseb hu, jiġifieri flok *hal* (bl-*h* dgħajfa) nistgħu nbagħad ngħidulu li biex iġibha hekk u jeħles mix-xkiel tal-vokali mkarkra fil-kelma maltija *Hâl* (li ma taqbelx ma' dik ta' *ahĕl*) jieħu bħala tarf xi kelma minn dawk ta' Freytag taħt il-għerq tal-kelma *a—h—l*, ngħidu aħna l-kelma *ahîl* (nies foqra, tas-swieq,—*plebs*) jew *mahûl* (post mgħammar, — *locus habitatus*). Dana jeħilsu mix-xkiel u t-toqol ta' nisel il-kelma minn *(A)hel*, bil-vokali maħtufa, imma b'dana kollu jħallina dejjem inxielu 'l hawn u 'l hinn fuq il-bidla ta' l-ittra ħarxa *ħ* mal-*h* dgħajfa fil-kelma *ahel* Għarbija.

Londra, 27-1-1926. **C. Dessoulavy.**

(*Minn l-Ingliż*)

Għal darb'oħra l-ittra tas-Sur Nin Cremona u nagħilqu.

# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-ORDNI

*(Jissokta ma' ta' qabel)*

Iżda l-Ordni ra li bil-Liġi li kien għamel biex biha jkun jista' jaħkem lil dawk li jkunu jridu jiddwellaw, il-Kavalieri kienu q'ed ifittxu li jgħaddu r-rieda ħażina tagħhom, billi jiddwellaw barra minn Malta, u b'hekk jeħilsu mil-Liġi. L-Ordni biex jilqalhom u jrażżanhom għal dina d-drawwa li ħadu, fid-9 ta' Awwissu 1633, qata', li sew dawk li huma kavalieri, kemm ukoll li huma fin-Novizzjat, li jkunu q'ed jagħmlu l-*Karovana*, jew ibaħħru fuq ix-xwieni, u dawn jiddwellaw f'kull lôk, hawn Malta, inkella fis-Saltna ta' Sqallija, jiġu magħduda bħala ħatja ta' dwell, u jkunu mwaħħla kif igħidu l-Istatuti u l-Liġijiet ta' l-Ordni li jitħaddtu fuq id-dwell (1).

Fit-tfittix li għamilna, iltqajna ma' wieħed li kiser dina l-Liġi u ġie mwaħħal, tista' tgħid, kif igħidu l-Istatuti ta' l-Ordni. Dan jidher minn dil-ġrajja li sejrin ingħidu :— Fl-1768, wieħed jismu Déodat Dolomieu, mita kien għad għandu 18-il sena, fiż-żmien li kien qiegħed jagħmel il-*Karovana* tiegħu fuq ix-xwieni, ġie nsultat minn wieħed mill-Kavalieri sħabu. Dolomieu stiednu għad-dwell, u mita niżlu f'Gaeta, iddwellaw u qatlu. Dolomieu nġieb hawn Malta, u ġie mwaħħal li jkun imneżża' minn Kavalier u mitfugħ il-ħabs għal għomru. Iżda, nbagħad, billi mal-Gran Mastru Pintu qabżu għalih il-Papa Kelment XIII u r-Re ta' Franza, wara disa' xhur li Dolomieu kien ilu fil-ħabs, Pintu ħafirlu u reġa' daħħlu fl-Ordni mill-ġdid (2)

Wara l-Liġi li l-Gran Mastru De Paula, għamel għal dawk li jkunu jagħmlu l-*Karovana* tagħhom, żdiedet Liġi oħra fuq id-dwell, magħmula mill-Gran Mastru Fra Martino De Redin. Dil-Liġi kienet tgħid, li, billi bosta mill-Kavalieri warrbu l-beżgħa t'Alla minnhom u bdew jitwebblu b'għamil ta' l-infern, għax m'hux talli ma kenux kuntenti li jiddwellaw huma biss, u b'hekk kienu jkunu ħtija ta' mewt kiefra għal ġisimhom u ta' telfien għal dejjem ta' ruħhom, iżda jridu jkunu ħtija ta' ħaddieħor ukoll

(1) Ark. ta' l-Ordni. Vol. 118 *Liber Conciliorum*, 1630-33.
(2) Ara A. Lacroix—Déodat Dolomieu. Tome I. f. XVI.

billi jistiednu lil-ħadd ieħor, bħala sħabhom u jmorru jiddwellaw flimkien, il-Gran Mastru u l-Kunsill tiegħu qatgħu, fil-10 ta' Ottubru 1657, li jekk, għal li ġej isir xi dwell minn Kavalieri jew Novizzji, tnejn kontra tnejn, jew iżjed, b'kull għamla ta' armi u f'kull lôk, sew hawn Malta kemm ukoll Barra, ikunu magħduda bħala ħatja ta' dwell, u jiġu mwaħħla kif igħidu d-degrieti, l-Istatuti u l-Ordinanzi li jitħaddtu fuq id-dwell. (1)

Fost kemm saru dwellijiet ta' din il-għamla li minnhom titħaddet dil-Liġi, ma' wieħed biss aħna ltqajna, u dan sibnieh fil-Manuskritt tal-Bibljoteka, għadd 1146, fejn il-Kittieb igħid hekk :- Fit-13 ta' Jannar 1772, fit-8 ta' filgħaxija, sar dwell minn 4 Kavalieri : tnejn kontra tnejn, u dawn kienu ż-żewġ Kavalieri De Siena, ieħor Bonifaċju u l-ieħor du Seine. F'dad-dwell baqgħu feruti tnejn sħabhom li kienu marru jferrquhom: wieħed f'koxxtu u l-ieħor f'żaqqu; dad-dwell baqa' mistur.

Fid-dwellijiet li kienu jagħmlu l-Kavalieri, aktarx li kienu jkunu jiddwellaw weħidhom, għax kien hemm Liġi magħmulha mill-Gran Mastru Fra Pietro Raimondo Zacosta, (2) fejn theddet li min iżomm ma' xi ħadd li jiddwella, jew ixandar xi dwell li jsir, jeħel xahrejn fil-Kastell u jitlef l-anzjanità (3).

Mil-Liġijiet kollha li semmejna li l-Ordni għamel fuq id-dwell nieħdu li għalkemm min kien jiddwella ġo 'l-Belt ma kienx jiġi magħdud b'ħati ta' dwell, m'hux kullħadd kien jista' jid-dwella, għax dawk li kienu jkunu jagħmlu l-*Karovana* tagħhom fuq ix-xwieni u jiddwellaw, kienu jiġu magħduda bħala ħatja ta' dwell; kif hekk ukoll kienu jiġu magħduda dawk li jiddwellaw aktar minn wieħed ma' wieħed. Iżda minn l-aħħar Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni li sar fl-1776 nieħdu li ġo l-Belt, beda jista' jiddwella kullhadd, billi f'dal-Kapitlu, ma ġewx imwettqa ħlief il-Liġijiet li saru fl-1629 u fl-1657 (4): jiġifieri l-Liġi ta' l-1633, li titħaddet minn dawk li jkunu q'ed jagħmlu l-*Karovana* tagħhom fuq ix-xwieni waqgħet, għax mita jsir Kapitlu Ġenerali u fih xi Liġijiet ma jiġux imwettqa, dawna jaqgħu u jispiċċaw, billi fil-Kapitoli kienu jitbiddlu, jissewwew, jitnaqqsu, jiżdiedu, jitħallew jew jittwettqu dawk il-Liġijiet kollha li bihom, l-Ordni

(1) Ark. ta' l-Ordni. Vol. 120.

(2) Zacosta kien jaħkem l-Ordni f'Rodi, 1461-1467.

(3) Ara *Codice del Sacro Ordine Gerosolimitano*. Malta, 1782 Tit. 18, par. XVII, faċċ. 406.

(4) Ara l-istess Codiċi ta' l-Ordni tal-1782.

tkun trid, mill-ġdid, tgħaqqad l-Istatuti, il-Liġijiet u l-Ordinanzi tagħha.

Barra l-Liġijiet li l-Ordni kien għamel fuq id-dwell għall-Kavalieri kien għamel Liġijiet oħra wkoll għal dawk li ma humiex fl-Ordni ; jiġifieri għalina l-Maltin u għal dawk il-barranin li kienu jgħammru f'Malta, fejn, dawna l-Liġijiet, kienu jgħidu li d-dwell ma jista' jsir imkien, u kienu jheddu pieni ħorox, m'hux biss għal min jiddwella, imma wkoll għal min ikollu l-iċken sehem fih, bħal ma wieħed jista' jara mill-Kostituzzjoni ta' Laskri (1640); (1) mil-Liġijiet u Prammatki ta' Garaffa (1681); (2) u mill-Kodiċi ta' Manwel (1724) u ta' Dirwan (1784).

Dawn li semmejna huma l-Liġijiet li aħna sibna magħmula fuq id-dwell minn l-Ordni, fiż-żmien li dam isaltan f'Malta. Għal-hekk issa, la darba spiċċajna mil-Liġijiet, ingħaddu biex insemmu kif saru xi dwellijiet, bil-ġrajja tagħhom, bħal ma sibniehom miġjuba fi Djarji, Manuskritti tal-Bibljoteka, u nġibuhom biż-żmien tagħhom kif saru wara xulxin :

Fl-1761, sibna li saru żewġ dwellijiet hawn Malta : wieħed fis-17 ta' Ġunju, bejn il-Kavalier Sales u l-Fra Servient Viet, fejn baqa' ferut dan ta' l-aħħar. Dawn ġew miżmuma t-tnejn arrestati f'darhom, inagħżlu l-Kommissjonarji biex jaraw il-biċċa sewwa. Għal dan id-dwell li sar, billi Viet kien li stieden lil Sales għad-dwell, il-Kavalieri tal-Ġustizzja ħaduha bi kbira ħafna, għax dehrilhom li Fra Servient Viet, ma kellu qatt jistieden għad-dwell lil min kien ogħla minnu fil-grad, bħal ma kien il-Kavalier tal-Ġustizzja Sales. Id-dwell l-ieħor sar fil-għodwa tas-6 ta' Settembru, bejn żewġ Kavalieri oħra fejn baqa' ferut wieħed minnhom. Ġew arrestati t-tnejn, u mitfugħa l-Ħabs tal-Kastell (3). Kif baqgħet il-biċċa ta' dawn iż-żewġ dwellijiet li semmejna, ma sibniex.

Fil-25 ta' Marzu 1762, il-Kavalier Montefrè, raġel għaqli u ta' qima kbira, ġie minbux ħafna mill-Kavalier Sales, bniedem iblah u mherwel, fejn, fl-aħħar, Montefrè, wara ħafna tiġbid, kellu jilqa' l-istedina għad-dwell li għamillu Sales, u marru fit-*Triq ta-dejka ta' San Duminku* (STRADA FEDERICO), u hemm, daharhom mal-ħajt, damu qatigħ jiddwellaw għal mewt. Iżda, mita Montefrè ra ruħu li ġie milqut u midrub f'ġenbu fil-waqt

(1) Mss, Bibl. għadd 148.
(2) Mss. Bibl. għadd 150.
(3) Mss. Bibl. għadd 13.

li kien q'ed jaħrab id-daqqiet, intilef għal kollox, ixejjer ix-xabla għal fuq Sales, u jolqtu n-naħħa ta' għonqu, mnejn bida ħiereġ kotra kbira ta' demm. Hawn Sales waqa' fl-art, ta ruħu b'mirbuħ, u talab lil Montefrè biex jieħdu l-Isptar. Montefrè għenu jqum minn l-art, ħaddnu miegħu, u tah f'idejn żewġ Kavalieri li nzertaw għaddejjin minn hemm. Dawn ħaduh malajr l-Isptar, fejn dewwewlu l-ferita. Montefrè baqa' sejjer għand il-Gran Mastru biex igħarrfu bli ġara, u Pintu ġiegħlu jmur joqgħod magħluq f'daru bla ma joħroġ. Marru hemm iżuruh in-nies tal-Kunsill ta' l-Ordni, u tista' tgħid, li l-Kavalieri kollha emmnu li Montefrè f'dad-dwell ma kellu ebda ħtija. Sales, minn l-Isptar, bagħat jitlob malajr lill-Gran Mastru biex jeħles lil Montefrè, għax il-ħtija kienet kollha tiegħu, (ta' Sales) u bagħat jitolbu wkoll li jħittex jibgħatulu l-Isptar, ħalli jgħannqu miegħu qabel imut. Il-ferita bdiet ġejja għal l-aħjar minn dik in-nhar stess, u l-Montefrè tawh li jmur iżur lil Sales l-Isptar (1) Għajb li l-Kittieb tal-Manuskritt, li minn fuqu ħadna dad-dwell, ma jġibx kif spiċċat il-biċċa!

Fit-13 ta' Lulju 1764, fil-għodu kmieni, sar dwell bejn żewġ Kavalieri Franċiżi, fejn wieħed minnhom baqa' ferut sewwa. Dan id-dwell kif igħidu, sar imħabba fil-Kavalier La Bruttunière, għax dan b'għamilu il-ħażin sar mibgħud minn sħabu l-Kavalieri l-oħra, u ħadd ma ried jagħmilha iktar miegħu tant li l-Kavalieri tal-Lingwa tiegħu qatgħu, li ma jħalluhx imur iktar fil-Berġa jiekol magħhom. Iżda billi ħadd mill-Kavalieri ma ried imur jatih dil-bxara, biex ma jkollux xi jgħid miegħu, il-Kavalieri ltaqgħu l-koll il-Berġa, tellgħu isem, u mess lil wieħed Kavalier, (li jiġi wlied l-aħwa mal-Ballju Delatoie). Dan mar malajr jati l-bxara lil Bruttunière ta' kif qatgħu l-Kavalieri sħabu. Malli Bruttunière għaraf x'qatgħu sħabu, biex jitħallas, stieden għad-dwell lill-Kavalier li ħadlu l-bxara, u dan biex ma jitlefx ġiehu, kellu jilqa' l-istedina u jmur jiddwella, fejn baqa' ferut sewwa f'idu. Bruttunier ġie arrestat, ingħażlu l-Kommissjonarji, fejn f'Kunsill li sar fit-8 ta' Awwissu 1764, inqata' li Bruttunière għandu jiġi eżiljat minn Malta (2).

Fit-23 ta' Novembru 1773, sar dwell bejn Kavalier Sqalli, jismu Baroni, u Kavalier Franċiż, jismu Prelein, li xahrejn qabel kienu l-Falanga flimkien. Dan id-dwell sar fuq li kellhom xi

(1) Mss. Bibl. għadd 14.
(1) Mss. Bibl. għadd 1146 Vol. 2.

jgħidu bejniethom it-Tijatru mħabba għanja, billi l-Isqalli ma riedx li l-Buffu tat-Tijatru li jgħanniha u l-Franċiż riedu. Fuq hekk l-Isqalli stieden, b'leħen għoli, biex imorru jiddwellaw fit-*triq id-dejqa*, m'hux biss lil Prelein, imma wkoll lill-Kavalieri Franċiżi kollha li kien hemm fit-Tijatru. Baroni u Prelein iltaqgħu fil-għaxra għad-dwell, u wara li damu siegħa jiddwellaw, Baroni qasam ix-xabla ta' Prelein fi tliet biċċiet, u qallu: jenu nħallilek ħajtek, iżda għandek tmur id-dar tiegħek biex iġġib xabla oħra ħalli nissuktaw id-dwell. Sa dal-ħin il-Mastru Skudier sar jaf bil-biċċa u xħin Prelein wasal bix-xabla għamilhom paċi quddiem ħafna Kavalieri (1).

Barra minn dawn id-dwellijiet li semmejna, meħuda minn Manuskritti li hemm fil Bibljoteka, insibu msemmi, fl-Istorja ta' Malta ta' Panzavecchia, dwell li sar bejn il-Kurunell De Freslon tar-Riġment ta' Malta (2) u l-Maġġur ta' l-istess Riġment, De Ferret, fejn baqa' ferut ħafif il-Kurunell, u De Ferret ġie eżiljat minn Malta. Dad-dwell sar, għax De Ferret deherlu li kellu jilħaq hu Kurunell tar-Riġment, u biex jitħallas stieden lill-Kurunell għad-dwell (3).

B'dawn id-dwellijiet li ġibna, flimkien mal-Liġijiet li semmejna, il-qarrej, issa, għandu ħjiel sewwa ta' kif kien id-dwell f'Malta fi żmien l-Ordni, u b'hekk ikun jista' jwarrab minnu dawk il-ħrejjef li ħarrfu xi vjaġġaturi li kitbu fuq Malta.

TMIEM.

**Ġużè Gatt.**

(1) Mss. Bibl. għadd 1146 Vol. 2.

(2) Dar-Riġment kien inqata' li jsir fil-Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni fl-1776, imħabba l-beżgħa li telgħet fuq l-Ordni r-rewwixta ta' Mannarinu u sħabu, u ġie mgħaqqad minn nies barranin, imdaħħla fih fi Ljun, f'Marsilja u f'Avignone: iżda maż-żmien qatgħu d-dħul fih ta' nies barranin u flokhom, bdew idaħħlu l-Maltin. Dar-Riġment, fl-1798, ġie meħud minn Napuljun fl-Eġittu. fejn il-biċċa l-kbira tas-Suldati tiegħu nqerdu fit-taqtigħat tal-Piramdi.

(3) Ara Kan. Fort. Panzavecchia *L'ultimo periodo della Storia di Malta etc, Malta, 1835* facc. 172.

# IL-VOKALI TAL-LSIEN MALTI

Il-vokali tal-lsien Malti jitqassmu f'dawn il-ħamsa: *a*, *e*, *i*, *o*, *u* li jistgħu jkunu issa twal jew imkarkra, issa qsar jew maħtufa. Hekk tgħallimna, hekk igħidu l-kotba, u qajla hemm min imieri. Għalhekk għandu mnejn wieħed jistagħġeb jara taqsima oħra li ftit u xejn taqbel ma' dak li tgħallem f'żgħoritu. Min ma jridx jilqa' kliemi, ħsiebu, jiena rrid biss nuri fehemti u b'hekk nitfa' xi xaqq dawl fuq il-ġmiel moħbi ta' lsienna.

Haġa magħrufa minn kullħadd, il-lsien malti, għalkemm ma' tul is-snin laqa' fi ħdanu kotra ta' kliem barrani, madankollu xejn ma ttiefes fil-bixla u s-sura tiegħu ta' lsien xâmi (1). Ma' l-ilsna l-oħra xamjin qrabatu, il-lsien Malti jimxi marbut bħal ulied ta' missier wieħed. Fuq dawn mela għandna nduru, jekk irridu nieħdu xi ħijel ta' l-ilħna jew vokali maltin.

It-taqsima tal-vokali f'ħamsa *a*,*e*,*i*,*o*,*u*, kienet imsellfa, żmien ilu, minn għand l-ilsna latini. Il-għaref lhudi G. Qimħi jew Qamħi, fis-seklu 12, kien l-ewwel wieħed li qassam il-vokali lhudin f'ħamsa *a*, *e*, *i*, *o*, *u* li jistgħu jkunu issa twal, issa qsar; u billi din it-taqsima hi ħafifa, malajr xterdet u kienet milqugħa għalenija. Għaddew mijiet ta' snin sakemm l-għorrief intebħu li dik it-taqsima kienet nieqsa, u ma tatix ħjiel sewwa ta' l-ilħna kollha tal-lsien lhudi. Il-misluf raġa' rtadd, u ngħażlet taqsima mibnija biss fuq tagħrif nisel l-ilħna mxebbhin ma' dawk ta' l-ilsna qraba (2).

(1) *Xâmi* sew sew tfisser *Surjan*. Hawnhekk *Semîtku*. Direz : "*Il-Malti*".

(2) Ara P. Joüon S. J. *Grammaire de l'Hébreu Biblique, Rome, 1923* faċċ. 18. Gesenius-Kautzsch, *Hebrew Grammar transl. by A. E. Cowley Oxford 1910*, faċċ. 40.

Hekk ġara lil-lsien Malti. L-ewwel maltin li kitbu bi lsienhom, inqdew mhux biss bil-konsonanti, imma ukoll bil-vokali kif jinkitbu u jitqassmu fit-taljan. Il-kittieba li ġew wara biddlu, kullħadd kif dehirlu, il-konsonanti biex ifissru l-ħsejjes kollha ta' lsienhom; iżda l-vokali baqgħu li kienu, jiġifieri ħamsa *a,e,i,o,u.* Xi wħud riedu kieku jagħżlu aħjar il-vokali. Hekk il-Vassalli għaraf jagħżel bejn *a* bla ebda għelm u bejn *â* bis-soqqaf, u *ä* bin-nikteijn (1). Stumme wkoll igħodd sittax-il vokali fil-lsien Malti, u jaf jagħżel bejn leħen miftuħ u leħen magħluq ta' l-istess vokali (2). Iżda, sa fejn naf jien, ħadd ma qassam il-vokali skond il-leħen tagħhom imqabbel man-nisel tagħhom. Il-*Għaqda,* hija wkoll, wara li sawret alfabet fuq il-għamla ta' l-alfabet xâmi, xejn ma tniffset fuq siwi l-vokali, iżda tenniet biss dak li kienu qalu ta' qbilha (3).

Jekk aħna nqisu ftit kif wieħed joħroġ il-ħoss jew leħen tal-vokali, malajr nintebħu li l-vokali għandhom jitqassmu bejniethom bħal taraġ jew sellum taż-żewġ, titla' minn naħħa u tinżel min-naħħa l-oħra. L-ewwel ħoss joħroġ billi wieħed iross gerżumtu u jiġbed kemm jista' ħalqu l-ġewwa. Din hi l-vokali *i magħluqa* jew l-ewwel targa. Jekk inbagħad wieħed jerħi u jiftaħ kemm-kemm gerżumtu u jitfa' daqs xejn waħda ħalqu l-barra, ikollu l-ħoss ta' *i miftuħa*; u din hi t-tieni targa jew vokali. Jekk inżidu nagħmlu hekk għal tliet darbiet oħra, joħorġu wara xulxin l-ilħna jew vokali *e magħluqa, e miftuħa, a miftuħa.* Ma' din l-aħħar vokali nkunu tlajna l-ogħla targa, u l-gerżuma u l-ħalq jieħdu l-qagħda tagħhom mill-ġdid. Nerġgħu nrossu ftit waħda l-gerżuma u nitfgħu l-ħalq kemm

(1) Vassalli, *Ktŷb yl Klŷm Mâlti*, *Roma*, *1796*, faċċ. 35 u 2.

(2) H. Stumme, "*Maltesische Studien*". *Leipzig*, *1904* faċċ.75.

(3) "*Tagħrif fuq il-kitba Maltija*", faċċ. 2.

xejn il-barra, u toħroġ il-vokali *a magħluqa.* Inżilna l-ewwel tarġa ; nkunu nżilna oħra jekk inżidu nrossu l-gerżuma u nitfgħu l-ħalq il-barra; din hi l-vokali *o miftuħa.* U hekk ukoll jibqgħu ħerġin waħda wara l-oħra l-vokali l-oħra sakemm naslu fl-aħħar tarġa, li hi l-*u magħluqa.*

Milli għidna jidher li l-vokali ta' lsien għandhom ikunu għaxra, ħamsa b'leħen magħluq u ħamsa b'leħen miftuħ. Għandu l-Malti dawn il-vokali kollha? Nistgħu ngħidu bla biża' ta' għilt li fil-Malti jinsabu dawn l-ilħna kollha. Trakhom :—

Il-vokali *i magħluqa* għandha l-leħen li għandha f'ilsna oħra; hekk : *ġid*, *kbir*, *min*, *ġismi,* bħat-taljan *si*, *vivi*, *timidi.*

Il-vokali *e magħluqa* għandha leħen ta' *é* fil-franċiż, jew ta' *e* taljana ġejja minn *i* latina, hekk *dieħel*, *tajjeb*, *dell*, *iben*, bħall-franċiż *célébrité*, *félicité*, u bħat-taljan; *verde* (minn *viridis*), *seno* (minn *sinus*)

Il-vokali *e miftuħa* tinħass bħal *è* fil-franċiż, jew *e* taljana ġejja minn *e* latina, hekk : *xemx*, *kelb*, *deher*, bħall-fr. *fièvre*, *levre*, u bħat-tal : *gente* (minn *gens*), *retto* (minn *rectus*).

Id-divrenzja bejn waħda u l-oħra malajr tinħass; waħda toqrob lejn l-*i* u titħawwad magħha, għalhekk min igħid *tajjeb* u min igħid *tajjib*; l-oħra toqrob lejn l-*a* u ġie li tinbidel magħha, hekk hawn min igħid *sema'* (= *udì*) u min igħid *sama'* (1)

Il-vokali *a* għandha leħen safi u maħtuf, hekk: *qalb*, *bard*, *tamar*, bħat-taljan : *la*, *sana*, *amara.*

(1) Meta *e* magħluqa taljana tidħol fil-Malti tarġa ssir *i*, hekk ngħidu: *nigru* minn *negro* (niger), *fidil* minn *fedele* (fidelis) *vird* [ir-ram] minn *verde* (viridis), *sinjal* minn *segnale* (signalis), *pil* minn *pelo* (pilus) u oħrajn.

Minn xi daqqiet, l-aktar meta l-leħen ikun imkarkar, il-vokali *a* tikser u tagħlaq ftit leħinha, u tħalltu jew tibdlu għal kollox ma' *o* miftuħa. Għalhekk tisma' min igħid, bħallikieku, *ma°r id-da°r bil-ħma°r u l-ba°qra* jew : *mor id-dor bil-ħmor u l-boqra*. Dan il-ħoss ta' *a* magħluqa, jew ta' *o* miftuħa li għandha ftit minn l-*a* mnissla minnha, mhu xejn taħsir tal-vokali *a* safja, bħalma jaħsbu xi wħud li jiddieħku bin-nies tar-raħal mita jitkellmu hekk. Jidhirli li għandhom ikunu magħdudin bħal vokali għalihom u mhux taħsir ta' vokali oħrajn.

Il-vokali *o* magħluqa tinħass bħal *o* taljana ġejja minn *u* latina, hekk : *kobor*, *ġobon*, *toroq*, bħat-tal: *colpa* minn *culpa*, *fondo* minn *fundus* (1).

Il-vokali *u* tinħass bħal fit-taljan, hekk: *mus*, *ruħ*, *fuq* bħat-tal: *fumo*, *duro*. Meta jkollha l-aċċent fuqha għandha leħen aktarx magħluq, minngħajru għandha leħen aktarx miftuħ. Qabbel bejn : *but-il-líbsa* u bejn *búti*.

Fl-aħħar ngħidu xi ħaġa fuq il-leħen jew dittong *ie* li jiswa daqs vokali bħal l-oħrajn. Jinkiteb dejjem xorta waħda u għandu dejjem nisel wieħed, iżda ma għandux dejjem ħoss wieħed. Imnissel dejjem minn *a* twila, imma xi drabi jinħass bħal *i* miftuħa, u xi drabi jinsama' bħal *e* mħallta ma' *i*. Hekk niktbu : *ktieb* u ngħidu *ktib*, *bniet* u ngħidu *bnit*, *smien* u ngħidu *smin*. Il-leħen ta' *i* miftuħa hawn jinħass tajjeb, għax jekk aħna ngħidu *ktib*, *smin* b'*i* miftuħa, inkunu nfissru ħaġa, jekk ngħiduhom b'*i* magħluqa nfissru ħaġa oħra. Imma xi drabi d-dittong *ie* għandu leħen ta' *e* imħallta ma'

(1) Bil-maqlub *o* taljana ġejja minn *o* latina għandha leħen miftuħ, hekk: *novo* jew *nuovo* minn *novus*, *foco* minn *focus*, *sono* minn *sonus* u oħrajn.

*i*, bħal fil-kliem: *dieħel, rieqed, sajjied* u oħrajn. Din it-taħlita ta' żewġt ilħna f'wieħed hi taħsira tal-vokali ewlenija *e*. Il-vokali *e* twila ma nżammetx safja, iżda ħadet u għaqqdet magħha l-ħoss barrani ta' *i* biex bħallikieku aktar jinsama' l-leħen im karkar tagħha. U ara kemm hu hekk. Mita l-vokali *ie* titlef l-aċċent, minn twila' ssir qasira, il-ħoss barrani ta' *i* ma jinħtieġx aktar, u jibqa' biss il-leħen safi ta' *e*. Għalhekk minn *dieħel* isir *deħlin* u mhux *dieħlin*, minn *miet*, *metuli* u mhux *mietuli* (1)

Għidna li l-leħen *ie* hu dejjem imnissel minn *â* twila. U ara kif. Il-leħen *a* jinsab f'nofs it-taraġ tal-vokali, għalhekk, meta ma jżommx safi, imil issa lejn l-*o* qaribtu, issa lejn l-*e* ġara tiegħu min-naħħa l-oħra; u hekk jiġri li *mâr* issir *môr*, *ħmâr = ħmôr*, u *sâb = sôb = sieb*, *sajjâd = sajjêd = sajjied*. Imma x drabi l-leħen ta' *a* minn *e* jibqa' nieżel sal-*i* u jinbide miegħu; hekk il-Għarbi *nafs* isir fil-Malti *nifs*, *xa ġara = siġra*, *markab = mirkeb*; (2) għalhekk fi kliem bħal *ktieb*, *smien*, *bniet*, nistgħu ngħidu li *â* saret *i* minngħajr ebda taħlita ta' *e*.

Jidher minn dan kollu li għidna li l-lsien Malti għandu l-ilħna kollha minn *i* magħluqa sa *u* magħluqa, għad li l-egħliem huma biss ħamsa (jew sitta jekk ngħoddu l-*ie*). Dat-tiżwiq ta' ilħna inissel dik il-ħlewwa fi lsienna li ftit huma dawk li jħossuha u jgħożżuha. Il-lsien lhudi, kif ħallewlna miktub l-għorrief ta' Tabarija, għandu seba' biss minn dawn il-vokali, jiġifieri; *i*, *e* (magħluqa), *e* (miftuħa), *a*, *o* (miftuħa), *o* (magħluqa), *u*.

*(Jissocta)* **Sajdun.**

(1) Meta *ê* twila taljana tidħol fil-Malti aktarx issir *ie*, hekk *pena = piena*, *decreto = degriet* (Ara: Tagħrif, faċċ 16)

(2) Hekk ukoll fil-lhudi *a* ġie li ssir *i*, hekk *qabr = qeber = qibri*, *sadq = sedeq = sidqi*, *bant = batt = bitti*.

# IL-PALAZZ TA' L-INKIŻITUR TAL-BIRGU

Għax titkexkxu u titriegħdu għal l-isem ta' Inkiżitur? Taħsbu forsi li sejrin tiltaqgħu ma' xi Torquemada, jew inkella mal-ħruxija ta' l-Inkiżizzjoni ta' Spanja? Le, xejn! oqogħdu b'sabarkom, u ġwejdin! F'Malta l-Inkiżizzjoni kienet xort'oħra. L-Inkiżizzjoni Spanjola kienet brikkunata pulitka; din ta' Malta kienet reliġjuża u b'xi mod aktarx ħanina. Il-waħda kienet b'kefrija liema bħalha taħqar u teqred l-egħdewwa ta' l-Istat, din kienet biss biex ma tħallix il-ħażin u l-qerq jinfirex u jniġġes bil-ħżunija l-qalb u l-moħħ tat-twajbin.

Hu tassew li mita fis-sena 1580 ġiet hawn Malta, kien hawn xi Kavalieri tmeżimżu minnha u rvellaw, iżda dawn kienu Spanjoli, imdorrija bl-Inkiżizzjoni ta' pajjiżhom, u għalhekk ħasbu li l-Inkiżizzjoni f'Malta sejra tkun ħarxa bħal dik ta' Spanja.

Għalhekk għal min ma jafx biż-żejjed fuq l-Inkiżizzjoni ta' Malta u billi xxerrdu ħafna Romanzi u ħrejjef fuqha, u xi wħud ma humiex biż-żejjed ħżiena billi jagħirfu u jnaqqu l-qamħ miș-sikrana, sejjer fil-qasir inqiegħed is-sewwa f'postu.

L-Inkiżituri ta' Malta kienu magħżulin mill-Papa, jiġifieri mill-Vigarju tal-Hanin Gesù, Missier il-ħlejjaq kollha, li ma jridx il-mewt tal-midneb iżda li jikkonverti u jgħix. Għaldaqstant fil-ħin illi l-Papa mâr bosta drabi jċanfar l-imġiba ħarxa tas-Slaten ta' Spanja, li kienu jinqdew bl-Inkiżizzjoni għall-finijiet ta' rashom, qatt ma ħalla li l-ħruxija ssaltan ġo dik ta' Ruma.

Għalkemm ġo Ruma kien hemm bosta eretiċi jxerrdu s-semm tagħhom, u bosta drabi kienu jħeġġu r-rivoluzzjoni kontra l-Papa u s-saltna tiegħu, kemm kemm insibu xi żewġ eresjarki maħruqin, u dawn mhux għal ħtija kontra Alla u l-Knisja, iżda kontra s-saltna. U l-Papa bħala Sultan tas-saltna tiegħu, kellu d-dmir illi jikkastiga tant lil min joqtol, kemm ukoll lir-rivoluzzjonarji. Inklelè x'Sultan hu, tat-tafal?

Nerġgħu nitħaddtu fuq Malta! Meta wieħed jiftakar li mill-fuq minn 70 Inkiżitur, li kenna Malta, (u dawn kollha nies nobbli, qaddisin u għorrief aktarx Isqfijiet) 30 minnhom saru Kardinali, u 2 minnhom ġew maħtura Papiet (Fabio Chigi taħt l-isem ta' Alessandro VII, u Antonio Pignatelli, taħt l-isem ta' Innocenzo XII) u fost dawn kien hemm nies bħal dawn: Chigi, Pignatelli, Visconti, Borromeo, Carracciolo

Ruffo, Carpegna u oħrajn, li kienu l-ward tan-nobbiltà ta' l-Ewropa; kif jista' wieħed—anki għal minuta biss—jaħseb li nies bħal dawn kienu jitgħaxxqu bit-tixrid tad-demm? Le, il-għerf u ssentimenti nobbli tal-qalb, iġagħlu l-bniedem ikun tolleranti u le fanatku. Il-fanatiżmu għat-Torok u għal min jaħseb baxx nett !!! Dan li għedna s'issa hu biż-żejjed biex insikktu l-ilsna ħżiena ta' dawk li jħambqu bla ma jafu, u jtennu li l-inkiżizzjoni kienet ħarxa.

Iżda xi ħadd igħidli: ma kellhomx l-Inkiżituri l-ħabs tagħhom, bit-turturi, u l-kavallett, u l-bir-tas-skieken? It-torturi, il-kavallett u l-bjar tas-skieken, huma ħrejjef bħal dawk ta' Aladin u l-musbieħ tiegħu. Ħabs kellhom, bħal ma kellu dak iż-żmien kull min kien jaħkem fuq min kien taħtu. Ħabs kellhom is-Slaten, il-Ħakem, l-Isqfijiet u l-Barunijiet. Ejjew u araw b'għajnejkom il-ħabs ta' l-Inkiżitur, u taraw x'divrenzja tgħaddi bejn dan, u bejn dawk ta' ħadd ieħor. Jien ma rridx insemmilkom il-Piombi ta' Venezja, iżda biż-żejjed li nibqgħu hawn fil-Gżira. Il-ħabs tas-Sultan b'ċelel imħaffra ġol-blat taħt l-art, bla dawl, imċaħħda minn l-arja, umdi, dojjoq, mentri ċ-ċelel tal-ħabs ta' l-Inkiżitur mibnija l-fuq minn l-art, imdawlin, kbar, wisgħin donnhom swali. Dan juri biċ-ċar, illi min kien ikun ħati ta' ereżija, kien biss jiġi magħluq hemm għal ftit ġranet, u mhux le għal żmien twil, u milli jidher ittrattat minn l-aħjar. Ingħidu wkoll li l-Ħaqq minn l-Inkiżituri kien miżmum u miftiehem aħjar minn fi żmienna.

Isimgħu din. Qassis mir-raħal ġie mikxuf minn mara fuq ħtija li miskin ma kienx ħati tagħha, iżda mħabba l-ħalf fil-falz ta' dil-mara, il-qassis ġie maqful fil-ħabs. Iżda, bħal ma jgħidu, id-dnub ma jorqodx, il-għaliex Alla ried li dik il-mara timrad u tasal fil-pont tal-mewt. Imbeżżgħa mill-Ħaqq t'Alla, bagħtet għal Konfessur, u stqarret il-gidba, u kif dak l-imsejken qassis kien qiegħed iħallas il-laħam ta' ħtija li ma kellux. Il-kappillan għajjat żewġ xiehda, biex dik il-fraxketta tistqarr quddiemhom. Igħidu li mita l-Inkiżitur sama' din l-aħbar, ħeles dikment 'il dak il-qassis u ġiegħel issir purċissjoni mal-belt, u l-qassis fl-aħħar tagħha taħt baldakkin biex tkun imxandra l-innoċenza tiegħu. F'dawk iż-żminijiet anki l-agħrajjes kienu jmorru jtejġu taħt il-baldakkin. L-Inkiżitur talab ukoll lil l-Isqof sabiex jagħmlu Kanonku tal-Kattidral. Il-lum fis-seklu tad-dawl min ikun miġjub bla ħtija, u jkun magħruf bħala safi mit-tkasbir, jagħmlulu hekk ??!! Sgur li le, iżda kullħadd jibqa' billi għandu, u dak ta' bla ħtija jibqa' bill-palik ! !

Issa ħalli ngħidu minn min, mita u kif inbena l-Palazz ta' l-Inkiżitur. Mita Mons. Fabiu Chigi (1656) ġie maħtur

Inkiżitur, ra li l-lok fejn kien joqgħod kien wisq dgħajjef u mħarbat, biex fih igħammru dawk li huma Legati tal-Papa. Għalhekk beda biex jibni Palazz kbir fit-triq wiesgħa u rjali tal-Birgu, imsejħa sal-lum . "Strada Porta Maggiore". Iżda l-Gran Mastru, għax jiflaħ ma ħalliehx, waqqaflu x-xogħol, taħt l-iskuża, li barra mill-Palazz tas-Sultan, u barra mill-Bereġ, ħadd ma għandu l-jedd jibni Palazzi. Migdud għal l-azzjoni bħal din, Mons. Chigi kiteb Ruma, gemgem, u talab għalbiex il-Papa jatih il-permess meħtieġ. Iżda minn Ruma t-tweġiba kienet li Mons. Chigi jobdi u jimxi skond id-drawwa tal-pajjiż. Mons. Chigi belagħha u xtarra, iżda sa kemm tasal siegħtu. U x-xoqqa f'qasir żmien waslet f'moxtha. Fis-sena 1655 miet il-Papa, u Mons. Chigi li sadattant kien sar Kardinal, laħaq hu Papa taħt l-isem ta' Alessandro VII, u minn l-ewlenin Atti tal-Pontifikat ried illi jinbena fis il-Palazz tal-Birgu skont ix-xewqa li wera mita kien għadu Inkiżitur. U b'tif-kira ta' dan ried li t-triq li tofroq il-Palazz mid-djar l-oħra tkun imsemmija Strada Alessandra kif għadha hekk tissejjah sal-lum. Min itih tort, jekk mar jati lezzjoni kif imiss lill-Gran Mastru ? Sewwa kien igħid Esopu : "Titqarraq dik il-lifgħa li trid tigdem il-lima ! ! "

Il-Palazz li fuqu qegħdin nitħaddtu hu kbir ġmielu, u jieħu kwartier sħiħ. Inbena bl-ordni, bħal ma għedna, tal-Papa Alessandro VII (fiż-żmien Mons. Fabio Chigi) u kompla kabbru Mons. Antonio Pignatelli, li sar ukoll Papa taħt l-isem ta' Innocenzo XII. Iż-żewġ skrizzjonijiet fit-taraġ jatu xhieda ta' dan. Fih erba' ndani. Ma ġiex mibni mill-qiegħ, iżda miżjud ma' dak li diġa kien hemm, u li tiegħu għad jinsabu fdal li jgħaxxqu. Dawn il-fdal huma : il-kamra tax-xellug ta' ħdejn l-intrata u l-bitħa ta' stil Sikulo-normann kif tikser idek ix-xellugija. Din hi magħmula minn kolonni ħoxnin b'fuqhom qwas mislutin, bħal dawk tal-Palazz tas-Sultan f'Sant-Anġlu. Imħabba xi kmamar li fuqhom ġew mibnija, kellu jsir xi rfid illi ħassar iżjed minn qaws ieħor u ko-lonna oħra. Kif toħroġ minn l-intrata, mal-lemin qabel ma titla' t-taraġ hemm daħla li tati għal kamra weħida, minfuda ma' taraġ mibni fl-imramma. Aktarx din kienet isservi ta' ħabs għad-dagħajja. Mill-kitba mnaqqxa fuq il-bieb hekk għanna nobsru.

Il-kitba hi din : DISCITE JUSTITIAM MONITI NE TEM-NERE NUMEN, li jfissru : "Intom li widdbitkom il-liġi, itgħallmu ma taħqrux lil Alla". Ftit il-barra minn dan il-ħabs tinsab bitħa żgħira, bi plançier tal-ġebel b'5 tarġiet biex titla fuqu. Tgħid fuq dan il-plançier kienu jiffrustaw 'id-dagħajja ? Kemm hemm bżonn fi żmienna jagħmlu hekk ! Għall-brikkun u għad-dgħaj l-aħjar raġuni l-kurbaċ ! !

Żewġt ibtieħi kbar jinsabu max-xellug imdawrin bi kmamar, kċejjen, kantini u ħwejjeġ bħal dawn. Igħidu li jinsab sotterran, iżda s'issa għadu ma nkixef xejn. Nitma li min hu nkarigat jagħmel dan minn l-aktar fis, għal l-anqas biex wieħed, darba għal dejjem, ineħħi mir-rjus tal-boloh il-ħrejjef koroh li jingħadu fuq dal-Palazz u l-iżjed il-ħrafa tal-Bir tas-skieken, li jien jidhirli li hi gidba ħoxna tas-sew!!

Kif titla' l-ewwel indana, issib max-xellug appartamenti, mibnijin, skond ma tgħid l-iskrizzjoni fuq wieħed mill-bibien, minn Mons. Antonio Pignatelli fi-1647, li wara sar Papa Innocenzo XII. Minn dawn hemm taraġ ċkejken u kuritur dejjaq, b'ħamest ibwieb li jatu għal ħames ċelel kbar. Dan hu l-ħabs ta' l-Inkiżitur!??.... Dan hu l-babaw li jgħidu!! Dan il-ħabs ogħla mit-triq, u xejn ma jġib biża'. Mita wieħed jagħmel paragun mal-ħabs tal-Gran Mastru, mal-Guvi li kien hemm Sant-Anġlu, anzi ma' l-agħmara tal-fqar tagħna ġo l-mandraġġ, u f'postijiet oħrajn, għandu jistqarr li dawk huma swali ħdejn il-griebeġ ta' l-1922. Il-kobor, il-għoli, id-dawl ta' dawn iċ-ċelel iġagħlu bil-fors lil kull maħluq jaħseb b'mod aħjar, milli ħaseb mita mar jaqra xi romanz tas-sitt ħabbiet.

It-tielet indana kienet għal l-Inkiżitur fejn igħammar, u għal l-uffiċċi tiegħu. Barra minn swali kbar insibu wkoll il-Kappella fejn kien iqaddes. L-indana ta' fuq aktarx kienet għamara għan-nies li kellu miegħu li nistħajjel ma kenux ftit.

Dal-Palazz, bħal ma wrejtkom, hu ta' fejda minn l-aqwa, u li sew bħala għamara ta' nies għorrief u kbar, sew bħala Dar ta' Istituzzjoni, immaqdra biss minn-nies ħżiena jew bla ras, hemm bżonn li wieħed iħarsu, u jibża għalih. Ftit ilu fuq il-bibien tiegħu dehru twissijiet għall-bejgħ u għall-kiri jew għaċ-ċens. Issa kieku xi ħadd xtraħ u ġarrfu, ma kienx ikun għajb kbir? Iżda x-xorti riedet li kien hemm min qabeż għalih kemm bil-kitba, kemm fil-Parlament, u nižżuħajr 'l Alla, kollox raġa' l-ura. Ix-xorti riedet ukoll illi fil-ħin li xi bajjada u bennejja marru jġarrfu ħajt, u jatu bidu għat-tibjid ġdid, mita bdew joborxu l-ħitan tfaċċaw pinġuti fuq il-ħitan armi ta' Papiet u ta' Inkiżituri, u kliem u kitba, li min dan wieħed jista' l-lum jagħraf fejn kienu l-Librerija, il-Qorti, is-Sala ta' l-Udjenza, il-Kanċellerija, etċ. Din it-tpinġija billi tqagħbret bit-tibjid ta' fuqha, għandha bżonn li tkun minn l-iżjed fis irtukkata, kif nitma li s-"*Società Storico-Scientifica*" tħeġġeġ 'il Gvern għal biex jibgħat xi pittur li jaf is-sengħa, biex jarġa' jġedded dawk l-Armi, kitba u ornati, u jqarribhom, kemm jista' jkun, bħal kif kienu fiż-żmien l-Inkiżituri.

**Kan. G. M. Farrugia.**

# IL-KAPPELL U S-SEJF TA' LA VALETTE

(DAKSXEJN TA' TISWIJA)

Ma rridu nnaqqsu xejn mill-ġieh li jistħoqq lill-Kan. G. M. Farrugia għal l-artikolu li kiteb fl-aħħar għadd ta' "Il-Malti" fuq il-Kappell u s-Sejf ta' La Valette, għaliex hu dejjem fejjiedi li wieħed ifakkar lill-ħajjin f'dak li sar f'pajjiżhom ma' tul iż-żmien l-imgħoddi, l-aktar mita dawn ikunu ġrajja li jsebbħu u jgħollu l-isem ta' ġensna. Iżda, b'ġieh is-sewwa, ma nistgħux ma nqiegħdux ma' ġenb dak li qal il-Kan. Farrugia fuq kif wasal il-Kappell u s-Sejf ta' La Valette fil-kappella ta' Santa Marija Damaxxena tal-Birgu, l-ieħor li qal Felix de Sales—Kittieb tal-Ġrajja ta' Malta—fuq l-istess ħaġa, fil-ktieb tiegħu, imsemmi "*Annales de l'Ordre de Malte, ou des Hospitaliers de Saint Jean-de-Jerusalem etc. Vienne, 1889.*"

Dana l-awtur, wara li qegħdilna quddiem għajnejna lil La Valette bħala bniedem ta' ħila u ta' dehen barrani, jissokta jgħid: "*Il distribua ensuite tous ses biens entre ses frères, et ordonna le depôt de l'epée et de l'armure qui lui avaint servi durant le siège, comme un temoin de la gratitude de l'Ordre envers les ancient habitants de Rhodes qui avaint pris part à la defense*". Jiġifieri illi La Valette ried illi l-Kappell u l-armatura tiegħu jitqiegħdu fil-Knisja griega (ta' Santa Marija Damaxxena), bħala xhieda ta' gratitudini ta' l-Ordni lejn in-nies qodma ta' Rodi li kienu ħadu sehem fid-difisa" u mhux bħala wetqa ta' wegħda li hu kien għamel lill-Madonna.

Is-sewwa bint Alla!

**Dun Karm.**

* * *

Xi wħud igħidu li dak is-sejf li hemm il-Birgu ma hux ta' La Valette, għax is-sejf ta' La Valette ġie misruq mill-Franċiżi. Dan ma hu xejn minnu, għax is-sejf meħud minn Napuljun kien dak mogħti lil La Valette minn Filippo II wara l-Assedju u mhux dak li La Valette kien jilbes.

Insibu fl-Istorja ta' l-Ordni ta' Jacomo Bosio, li wara l-Assedju ta' l-1565, Filippo II ta' Spanja, biex juri l-qima li kellu lejn La Valette għall-kbira ħila tiegħu fl-Assedju. bagħtlu xabla u sejf bil-maqbad tad-deheb mastizz: xogħol kbir u li jiswa bil-bosta.

Dawn bagħthomlu mal-Kmandant Maldonado li tahomlu quddiem il-miġemgħa ta' Kavalieri. Għal din iċ-ċirimonja, barra mill-Kunvent ta' l-Ordni kollu, kien hemm ukoll dawk in-nies kbar li kienu ġew Malta biex jatu għajnuna lill-Kavalieri u lill-Maltin. (*Avventurieri*).

Fil-waqt li Maldonado qiegħed ix-xabla u s-sejf f'idejn La Valette qallu erba' kelmiet ta' tifħir, fosthom li hu wieħed minn l-aqwa Ġenerali ta' l-Insara.

Il-Gran Mastru laqa' u ħa r-Rigal tar-Re u żżieħ-ħajr ħafna għat-tjubija tiegħu u għal kull ma għamel ma' l-Insara r-Re Filippu, u ssokta jgħidlu li das-sejf u x-xabla, sejjer jatihom b'ġieħ lil l-Imqaddsa Omm t'Alla talli qalgħetilhom minn għand Binha l-kbira Rebħa fuq il-għadu tas-Salib. Għalhekk ġiegħel illi s-sejf u x-xabla jiġu mqiegħda fit-*Tolo* (Teżor) ta' l-għaxar ċwievet fejn kienu jinsabu merfugħa l-ogħna ħwejjeġ ta' l-Ordni, u kull sena fil-proċessjoni li ssir fil-jum tat-Twelid tal-Madonna, is-sejf u x-xabla jieħdu sehem fiha biex hekk, kull sena, tiġi mfakkra t-tjubija li wera Filippo II lejn l-Ordni. Fil-purċissjoni kien iżommhom, quddiem il-Gran Mastru, wieħed mill-Paġġi tiegħu, xuxa u dan kien jiġi dejjem magħżul l-aqwa wieħed nobbli fost sħabu.

Ix-xabla u s-sejf ta' La Valette, kif igħid Thomas MacGill fi Gwida li kiteb fuq Malta fl-1839, serquhom il-Franċiżi fl-1798 u x-xabla Napuljun dendilha f'qaddu.

Mela minn dan li għedna jidher li l-Franċiżi ħadu minn Malta x-xabla u s-sejf li La Valette kien qala' minn għand Filippo II. u mhux ix-xabla li kien jilbes fl-Assedju.

**Ġuże Gatt**

XERRDU

« I L - M A L T I »

JEKK THOBBU T-TAGħLIM TA' LSIENKOM

# INWISSU

Jisogħbiena li fl'aħħar ħarġa (Diċ. 1925) tal-MALTI żelqulna xi żewġ għiltijiet xi ftit imsawra li ma nistgħux ma ngħarrfux bihom lill-qarrejja biex jistgħu jsewwuhom.

Fosthom insemmu:

IL-KAPPELL U S-SEJF TA' LA VALETTE Il-vers 10 tal-faċċ 105 irid jinqara hekk:
bil-bosta magħruf minn l-Amieri li jifhmu fil-Qedem.

Il-kelma *amieri* żelqitilna *Armeni*.

LILL-QAMAR Il-vers 11 ta' l-ewwel kolonna tal-faċċ 124 irid jiġi hekk:

Qala' abjad jiġri

għad illi ma' l-ewwel daqqa t'għajn wieħed jaħseb li iżjed joqgħod tajjeb kif, bi *żball*, ġibnih aħna: *Qlugħ abjad jiġri* għax jidhirlu li *qala'* hi *femmenil* (sura mara) u ma toqgħodx ma' *abjad jiġri* waqt li *qlugħ* toqgħod għax maskil (ta' sura raġel): iżda mhux hekk. *Qala'* hi sostantiv maskil singular bil-plural *qlugħ* u għalhekk *qlugħ*, li hi plural, ma tistâx toqgħod ma' *abjad jiġri.*

*Qala* li hi femmenil għandha l-plural tagħha *qaliet* u tfisser *daħla tal-baħar.*

Fuq din il-ħaġa il-Kittieb tal-QAMAR kitbilna hekk:

Għażiż Sur Caruana,

Iva togħġobni hekk. Il-Falzun "qàla" Isem ġens raġel iġibha bil-ktir (plural) "qlugħ". Jiena, għalkemm kont sejjer nagħlaq għajnejja għal dil-Kelma, għax dan it-tixbih fil kitba,—jiġifieri, ta' isem li juri ħaġa waħda ma' isem li juri iktar minn ħaġa waħda—isir u jimxi ħafna fl-ilsna kollha, u jiena stess—żewġ strofi l-quddiem—ħaddimt *qlugħ* flok *qala'* fejn għidt "*qlugħ mifluħ*": [il-biċċa għas-shiħ (la parte per il tutto) u fl-stess ħin il-ktir flòk il-waħdien]. Sa fit-taħdit mexxej ta'-kull-jum dan it-tixbih jitħaddem: tisma' sfiq min igħid: "*x'biċċa ta' qlugħ għaddej!*... u ġie li smajt sajjed żagħżugħ igħid ukoll "*dik il-qala'*" flok "*dak il-qala'*" imma dan ta' l-aħħar (sura mara flok raġel) qisu (jien hekk ngħoddu għal l-anqas) għilt imtenni li jispiċċa biex jieħu tidwira ħażina (circolo vizioso)........Iva *qala'* madankollu iktar togħġobni minn *qlugħ* fejn qegħidtha jien għax fil-poeżija iktar watja u ħelwa.

Issa għandna kelmtejn oħra xi nsewwu. Waħda: fit-tieni strofa safħa 126: żelqitilkom "*mitħun*" flok "*midħun*" li tfisser *midluk*, *imbierek* (unto, consacrato). L-oħra. Żelqitilkhom, fl-aħħar Tifsira (17) *taħdit*, flok *taħtit*, li tfisser is-sengħa ta' kif tikteb sabiħ (calligrafia; penmanship) jew ta' kif għandek tiġbed il-ħżuż (delineamento; linear drawing).

Il-ħabib tal-qalb tiegħek

V. Mifsud Bonici

—Nixtiequ li kull-min iħobb il-Malti u jaf bit-Taljan tajjeb, jaqra dak li qiegħed ifisser fuq ilsienna l-Patri Ġeżwita Delia (taħt l-isem ta' Gidi S.J.) f'*St. Aloysius' College Magazine*, biex ma jiblâx dak li jħarrfu l-boloh fuq nisilna; u li jaqrawh dawk ukoll li jafu bit-Taljan u ma jħobbux il-Malti, biex jifhmu kemm huma bgħid mis-sewwa.

Kemm tkun ħaġa sabiħa u tajba, u tal-fejda, kieku l-Patri Delia, fis-sigħat tal-mistrieħ tiegħu, jaqleb bil-Malti dak li qiegħed ifisser bit-Taljan u jatihulna biex inġibuh hawn! Jista' jibqa' sgur li, mita jrid jagħmel dan il-ġid kbir lill-Maltin, aħna għalih qatt ma jonqosna l-wisa! U qalbna tgħidilna li għad jismagħna, għax għal-kemm jinsab mgħobbi bix-xogħol, għerfu u mħabbtu għall-Malti iġagħluh iferraħna.

—Imħabba fil-wisa ħallejna għal darb'oħra ħafna artikoli sbieħ fosthom wieħed fuq l-*Ilsien Malti* tal-Patri Serafin M. Zarb S.T.L., Ord. Pred. li l-lum qiegħed Ruma: wieħed miż-żgħażagħ li tassew iħobbu l-Malti u li qiegħed jagħmel ġieh lil Malta. Ħallejna wkoll għal darb'oħra artikolu żgħir fuq l-*Isem ta' Għawdex* tal-bravu żagħżugħ Dun Pietru Pawl Saydon li f'dan il-għadd bdejna nġibu l-artikolu tiegħu tassew sabiħ *Il-Vokali tal-Lsien Malti*. X'faraġ għall qalbna mita naraw nies għorrief, fost ix-xogħol tagħhom jiftakru fina u fil-għażiż ilsien Malti.

—Domna, iżda mhux ħtija tagħna: l-oriġinali kienu ilhom għand l-istampatur fuq ix-xahrejn u aħna ġejjin u sejrin għandu. Għal din id-darba paċenzja, iżda nqisu li dil-ħaġa ma tarġâx issir darb'oħra....

---

Stampât fl-Empire Press